

# Il-Festi
# Kultura u Identità

## Rapport dwar is-Seminar Nazzjonali
li ġie organizzat mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju

*31 ta' Marzu 2011*

Editur
**Charles J. Farrugia**

# Il-Festi
## Kultura u Identità

Rapport dwar is-Seminar Nazzjonali
li ġie organizzat fil-31 ta' Marzu 2011
mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju
f'Montekristo Wine Vaults
Ħal Farruġ

*editur*
**Charles J. Farrugia**

Mqabba, Malta
2011

# PROGRAMM

| | |
|---|---|
| 08:30 | Reġistrazzjoni |
| 09:00 | Diskors ta' merħba mill-President tas-Soċjetà s-Sur Teddy Farrugia |
| 09:05 | Diskors mill-Onor Dr Franco Debono Assistent Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| 09:10 | Introduzzjoni miċ-Chairperson tas-Seminar is-Sur Charles J. Farrugia |
| 09:25 | Preżentazzjoni mis-Sinjorina Christine M. Cassar u Dr Mark Anthony Falzon |
| 09:45 | Preżentazzjoni minn Dr Vicki Ann Cremona |
| 10:05 | Waqfa għall-kafè |
| 10:30 | Preżentazzjoni mill-Professur Jeremy Boissevain |
| 10:50 | Mistoqsijiet u Diskussjoni |
| 12:15 | Konklużjoni |
| 12:30 | Tmiem |

Ippubblikat għall-ewwel darba fl-2011 mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, Mqabba

© copyright tal-Editur u l-awturi, 2011

Qari tal-Provi: Anthony Bonello
Disinn tal-Qoxra: Marlene Gouder

L-ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta jew użata jekk mhux bil-permess bil-miktub tal-editur.

Issettjat u stampat fl-Istamperija Best Print, Il-Qrendi

ISBN 978-99957-0-164-2

# Introduzzjoni mill-Editur

*Dan il-ktejjeb għandu l-iskop li jiġbor il-ħsibijiet espressi waqt is-Seminar Nazzjonali 'Il-Festi: Kultura u Identità' organizzat mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju fl-okkażjoni tal-mitt sena mit-twaqqif tagħha. Tnejn mid-diskorsi huma riprodotti kif saru fis-Seminar, waqt li dak ta' Dr Vicki Ann Cremona hu f'forma aktar elaborata peress li din ħadet l-intrigu li tippreżenta x-xogħol tagħha f'forma aktar dettaljata u bl-Ingliż kif kien il-ħsieb tiegħi li joħroġ dan ix-xogħol. L-oħrajn tħallew fil-lingwa Maltija minħabba restrizzjonijiet ta' żmien u mpenji mill-awturi. Il-kumplament ta' din il-daħla hu d-diskors li jiena stess għamilt bħala introduzzjoni għas-Seminar.*

Kulħadd jaqbel li l-festi Maltin (u b'festi qed nifhmu dawk b'rabta reliġjuża) huma parti intrinsika mill-ħajja tal-Maltin. Tħobbhom jew tobgħodhom qegħdin madwarna u ma tistax tinjorahom. Hu fatt ukoll li min igorr dwar il-festi ħafna drabi jilmenta minn aspetti partikolari aktar milli mill-festi kollha kemm huma. Ir-rabta tal-festi għandha għeruq reliġjużi. Fl-1938 George Percy Badger innota u kiteb hekk "*the principal recreations of the Maltese have, in general, some connection with their religious ceremonies*".[1] Mas-snin, dawn il-festi tħawru sew bil-baned, każini, armar, nar, u anke aspetti oħra filantropiċi u sportivi. Kien propju dan li ġegħelna nagħmlu għażla konxja ta' kelliema. Ridna nħarsu lejn il-festa mill-aspett akkademiku tagħha, filwaqt li nagħtu spazju lil kull min hu interessat li jiġi u jikkummenta mill-udjenza.

Element ieħor marbut mal-festi, u ħafna draba taħt l-attakk ta' min idejquh il-festi hi l-pika. Din ma torbotx mal-festi biss però ma' kull aspett tal-ħajja umana. Il-pika ma bdietx ilbieraħ. Meta wieħed jara x'kien jinkiteb fil-ġurnali Maltin fis-seklu dsatax marbut mal-pika bejn il-partitarji ta' Nani u ta' Bugeja wieħed iġib għajnejh wara widnejh.[2] Dan qed ngħidu mhux għaliex dak li kien ħażin dakinhar b'xi mod sar tajjeb, jew għaliex għandna nimitaw il-ħażin, però aktar għaliex meta nitkellmu fuq il-festi llum inħoss li hemm nuqqas kbir ta' esperjenza storika ta' dak li ġara fil-passat u li hu importanti biex nifhmu l-preżent.

Ir-rabta reliġjuża ma tistax ma tingħatax l-importanza mistħoqqa. Id-devozzjoni lejn il-qaddisin hi f'demmna. Xhieda tinsab fuq l-eluf ta' ismijiet ta' djar, ta' ismijiet ta' nies għal qaddisin jew il-Madonna, ta' ismijiet fuq trakkijiet, u qabel ma fi ftit ieħor tasal l-ARRIVA, anke fuq trakkijiet tal-linja. Din il-linja ta' ħsieb hi riflessa wkoll fil-lingwa tagħna. Naħseb kulħadd sema' bil-qawl, 'Mingħajr qaddisin ma titlax il-ġenna'.

---

[1] Percy Badger, G. (1838), *Description of Malta and Gozo*, p. 98.

[2] Uħud minn dawn l-ittri huma riprodotti fix-xogħol preżentat minni lill-Università ta' Malta għal-grad ta' Maġisteru fl-Arti fl-1998 bl-isem *'Socio-Political and Economic Aspects in the History of Religious Festa Groups in Malta 1890-1940'*. B'mod partikolari tispikka l-ittra bl-isem 'A Trotto Maijali!!' fil-ġurnal *Il Verità*, 13 ta' Diċembru 1913. L-ittra f'forma ta' taqbila b'għoxrin strofa jżeblagħ il-mawriet tal-Banda La Vallette barra minn Malta u tuża kliem bħal "Ma nistax nifhem – chem bakghou lura, Il partitarj – ta La Vallette, Jemmnu daun collox – cull ma igheidulhom. Mhux ked iservu – hlief ghaz-zuffiet: Seu chien kalilhom, Ghax uisk balali, il partit taghna TROTTO MAIJALI!".

Pietru Pawl Castagna jitfa' importanza fuq ir-rwol li l-Gran Mastru de Rohan kellhu biex jittrasforma l-festi kemm jista' jkun lejn attivitajiet ta' divertiment bħala strateġija politika biex il-poplu jiddeverti aktar u jnaqqas it-tgergir.[3] Dan id-dettall jindika kemm-il politiċi anke fi żmien il-Kavallieri u l-Ingliżi użaw il-festi bħala arma politika. Hu għalhekk diffiċli li xi ħadd fid-dinja tal-lum jiddiskuti l-festi u jgħid li dawn huma purament reliġjużi. Filwaqt li naqbel ma' dawk li bħad-direttur Spiritwali tagħna jsostnu li l-festa tibda mill-knisja u tispiċċa fil-knisja', dan ma jnaqqas xejn minn dak kollu estern li llum hu parti mill-kultura u l-identità tal-festi Maltin.

Hemm ukoll l-element ekonomiku li wieħed ma jistax jifred mill-festi. Hemm eluf kbar ta' ewros investiti fil-festi. Mal-festi jaqilgħu l-għixien mhux biss tal-gabbani però kull min is-sena kollha jforni prodotti u servizzi lill-każini. L-element kummerċjali ma bediex ilbieraħ lanqas. Mir-riċerka tiegħi sibt każi fejn kmieni fl-1854 Maltin kienu qed igergru li l-baned tas-Servizzi qed itellfuhom il-flus.[4] Fl-1862, 27 daqqaqa tat-toroq imniżżla fuq Strada San Domenico kitbu lill-Gvernatur Ingliż jilmentaw dwar dan. Qalu hekk:

> *The Royal Malta Fencibles are permitted to attend and play at all festivals, marriages, christenings, arrivals of passengers and other occasions of recreations; men by the Crown, paid, fed, clothed, instructed also found with instruments and music, and this to the detriment of unfortunate blind individuals who have no other means of subsistence.*

Din is-silta torbot id-daqq tal-mużika mal-festi ta' kull tip u fuq kollox mal-għixien ta' kuljum tan-nies. F'din il-komplessità kollha nistgħu naraw il-festi anke llum il-ġurnata. Il-mezzi nbidlu, l-bżonnijiet u l-istili ta' ħajja nbidlu, però n-nies baqgħu umani bħal dejjem.

Ħafna mill-aspetti li semmejt ser joħorġu mit-temi li ser jiddiskutu l-kelliema tagħna. Mhux ser inkopru kull aspett tal-festa għax mhux possibbli. Għalhekk wara, fid-diskussjoni kull wieħed minnkom jista' jelabora jew isaqsi dak li jrid. Ma nixtiequx li s-seminar ta' dalgħodu jinbidel f'konsulta medika dwar il-festi. Dan peress li konsulta medika issir fuq pazjent marid, li ma nħossux li hu l-każ tal-festi. Il-festi huma b'saħħithom ħafna, u huma xi individwi li bl-aġir tagħhom itappnu l-ħidma tal-kotra. F'dan l-ispirtu nixtiequ li l-attività ta' dalgħodu tiċċelebra l-festi, bit-tajjeb u l-ħażin tagħhom bħal f'kull ħaġa fid-dinja.

**Nota:**
*Id-diskussjoni fl-aħħar tal-ktejjeb hi kemm jista jkun fidila lejn ir-rekording li sar fil-post. Il-bidliet li saru mill-editur kienu jew fuq talba tal-persuna li tkellmet jew inkella biex titneħħa repetizzjoni li wieħed jaċċetta f'diskors mhux imħejji iżda mhux f'test pubblikat.*

---

[3] Skont Castagna de Rohan kien qed juża l-festi biex inessi d-dwejjaq tal-poplu u jaljina lin-nies. Kien anke jżur l-irħula fil-ġranet tal-festa sabiex joffri appoġġ morali u ta' patronaġġ. Fit-12 ta' Mejju 1776 hu żar Ħaż-Żebbuġ għal festa ta' San Filep u sena wara ta' ismu lil dan ir-raħal issa bħala Citta' Rohan. Dwar de Rohan u Ħaż-Żebbuġ ara Galea, M. (1996), *Grand Master Emanuel de Rohan 1775-1797*, p. xi.

[4] Arkivju Nazzjonali, CSG02/5509/1891.



## Nota Bijografika

Charles J. Farrugia huwa gradwat mid-Dipartiment tal-Istorja tal-Università ta' Malta. Għal Baċellerat tiegħu fl-1996 huwa ppreżenta t-teżi *Rural Village Politics in Malta: the case of Mqabba 1890-1940* filwaqt li għal-Lawrja tal-Maġisteru fl-1998 huwa ppreżenta l-istudju *Socio-Political and Economic Aspects in the History of Religious Festa Groups in Malta 1890-1940*. Kien promutur tal-istudju tal-istorja tal-Imqabba fuq bażi professjonali bil-pubblikazzjoni tiegħu *Tal-Ġilju: Il-Banda u s-Soċjetà fl-Imqabba* fl-1995, u l-idejar u editjar tal-ktieb *L-Imqabba mal-medda taż-żmien* fl-1998, liema pubblikazzjoni ġiet mogħtija l-premju għall-aħjar riċerka tal-Premju Letterarju. Wara kisba ta' żewġ lawrji oħra fl-arkivistika minn Universitajiet Ingliżi, fl-2005 nħatar bħala l-ewwel Arkivista Nazzjonali, kariga li għadu jokkupa sal-lum. Fl-2008 huwa kkordina 27 awtur f'pubblikazzjoni akkademika *Guardians of Memory: essays in remembrance of Hella Jean Bartolo Winston*. F'Novembru 2009 organizza l-konferenza Internazzjonali annwali tal-arkivisti li ġabet Malta 250 arkivist mid-dinja kollha. Huwa lettur fl-Università ta' Malta, *mentor* fl-Università ta' Dundee u student għad-dottorat fl-Università ta' Aberystwyth. Jokkupa l-kariga wkoll ta' President tal-Assoċjazzjoni tal-Arkivisti u Maniġers ta' Rekords tal-Commonwealth.




*Il-panel ta' kelliema fis-seminar kompost minn*
*Charles Farrugia, Christine Cassar, Jeremy Boissevain u Vicki Ann Cremona*

# Diskors ta' merħba
# mis-Sur Teddy Farrugia
### President tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju

L-Għodwa t-tajba lil kulħadd u nibda billi nirringrazzja lilkom ilkoll li dalgħodu għażiltu li tilqgħu l-istedina tagħna għal dan in-nofstanhar ta' diskussjoni.

Dan is-seminar għandu aktar minn skop wieħed. Qegħdin propju f'sena li tfakkar l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif ta' Circolo Pio X li kellu l-għan li joħloq għaqda li tipproteġi l-interessi tal-Imqabbin devoti lejn il-Madonna taħt it-titolu tal-Ġilju. Hu interessanti li l-festa tal-Madonna tal-Ġilju kienet ilha ssir tal-anqas mill-1772. Dakinhar twaqqfet il-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-knisja tal-Imqabba. Peress li fl-istatuti kien hemm li din torganizza żewġ festi fis-sena – tal-Ġilju u l-Kunċizzjoni, inħolqot struttura li baqgħet topera hekk sal-lum. Però fil-bidu tas-seklu għoxrin kien hemm taqlib kbir u ntriċċi kbar fir-raħal. Dan wassal għal qasmiet u ċ-Circolo Pio X kien biss formalità ta' devozzjoni ta' sekli. Biex infakkru dan kollu ridna li fost il-ħafna attivitajiet li jiċċelebraw għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tas-Soċjetà nenfasizzaw il-kultura. Din tal-lum hi attività purament kulturali. Tagħti ċ-ċans lid-dilettanti li jiltaqgħu mal-akkademiċi. Tagħtina ċ-ċans li naħsbu u nirriflettu dwar dak li ħafna drabi ma naħsbux dwaru għaliex hu tant parti minn ħajjitna.

L-għażla tal-kelliema saret bil-ħsieb. Hemm taħlita ta' professjonisti ta' etajiet u sess differenti, u b'apertura ta' tagħlim akkademiku minn Malta u barra. Irnexxielna nikkonvinċu lil-veteran tal-istudji tal-festi l-Professur Boissevain biex jonorana bil-preżenza u *paper* tiegħu. Ma ridniex li jkollna diskussjoni li tinkludi biss lilna li naħdmu fil-festi għaliex ħafna drabi ningħalqu bejn erba' ħitan u nippritkaw għal min hu konvertit diġà. Ridna naraw kif is-Soċjetà inġenerali tħares lejn il-festi. Fl-istess ħin ma ħallejna barra lil ħadd u rreklamajna fuq kull mezz tal-medja li laqagħna biex min irid jiġi u jagħti sehemu jkun jista' jagħmel dan.

Nixtieq nirringrazzja lis-Sur Charles Farrugia li identifika l-kelliema, u ser ikun qed imexxi din id-diskussjoni. Wara l-organizzazzjoni kien hemm il-Kummissjoni Ċentinarju u diversi soċji ħabrieka. Nirringrazzja lid-diriġenti tal-Montekristo Wine Vaults li għenu bl-allokazzjoni ta' din is-sala u lil diversi sponsors oħra li tawna appoġġ. Ħajr ukoll lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku Dr Chris Said li għen fl-isponsorship ta' dan is-Seminar, u lill-Onorevoli Franco Debono li fl-assenza ta' Dr Said ser ikun qed jinawgura dan is-Seminar. Ħajr ukoll imur għall-kelliema li għażlu li jiddedikaw tant ħin fir-riċerka li llum ser jaqsmu magħna. Jiena nawgura diskussjoni ta' livell li tkompli tagħmel unur u ssebbaħ il-festi Maltin li huma espressjoni ta' kultura u identità Maltija.

Filwaqt li mill-ġdid nirringrazzjakom li ġejtu, nistieden issa lil Dr Franco Debono, Assistent Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex jinawgura dan is-seminar.

# Diskors mill-Onor. Dr Franco Debono

## Assistent Parlamentari fis-Segretarjat tal-Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika

Meta ġejt mistieden nindirizza din il-konferenza u tajt ħarsa lejn il-programm u lejn it-temi li se jiġu diskussi, ammirajt is-sens ta' inizjattiva tal-organizzaturi.

Li soċjetà mużikali, bħalma hi s-Soċjetà Madonna tal-Ġilju tal-Imqabba, tiddeċiedi li tieqaf ftit mir-rutina tagħha u tiddiskuti l-festa Maltija bħala parti mill-identità nazzjonali tagħna, hi inizjattiva li wieħed ma jistax ma jfaħħarx.

Soċjetà mużikali titwaqqaf għal diversi għanijiet. Hemm, qabel kollox, il-ħeġġa li jkun hemm iżjed sens ta' għaqda fil-lokalità, bi grupp ta' nies, ħafna drabi żgħażagħ, jingħaqdu flimkien u joħolqu mix-xejn soċjetà li ssebbaħ, sena wara l-oħra, il-festa tal-lokalità. Hemm, bħal f'kull aspett tal-festa Maltija, element ta' fidi, li soċjetà tagħti ġieħ lill-patrun jew patruna tar-raħal jew belt. Hemm ukoll l-għan li fil-lokalità jkollok għaqda li tgħallem, b'xejn, il-mużika lill-allievi u, f'ħafna każi, anke toffrilhom l-istrumenti b'xejn. Hemm is-sens ta' dixxiplina, fi struttura li biex tirnexxi trid tkun bilfors organizzata, b'kumitat li jiltaqa' regolarment, lezzjonijiet, kunċerti u elf biċċa xogħol li trid issir biex soċjetà bħal din tibqa' tikber sena wara l-oħra.

U tikber żgur li qiegħda din is-soċjetà, li din is-sena qed tiċċelebra annivserarju importanti – il-100 sena mit-twaqqif tagħha – xhieda tad-dedikazzjoni ta' mijiet ta' persuni li tul dawn il-mitt sena taw ħinhom u l-enerġija tagħhom għal dan il-għan. Ċentinarju huwa, minnu nnifsu, xhieda ta' serjetà, ta' dixxiplina, ta' sostenibbiltà u ta' sens ta' għaqda u ħsieb fit-tul.

Huwa floku li bħala soċjetà li tilħaq il-qofol tagħha fil-festa Maltija, tlaqqajna biex niddiskutu l-festa tagħna fi sfond kulturali wiesa'. Hija fil-festa tradizzjonali Maltija li joħroġ fil-beraħ il-karattru Malti – is-sens ta' fidi, is-sens ta' għaqda, il-mod kif nifirħu bħala komunità, il-mod kif niċċelebraw, kif nieklu, kif nuru l-ferħ tagħna. Iżda anke l-mod kif inħobbu nimpikaw mal-ġirien, il-mod kif festa tkun trid tispikka minn dawk ta' madwarha u allura jidħol il-karattru Malti li ma jaqtax qalbu u jpoġġi quddiemu sfidi akbar minn tas-sena ta' qabel.

Huwa għalhekk li meta xi ħadd ikun irid jiskopri l-identità partikolari ta' lokalità għandu jżurha fil-festa, meta r-raħal jew belt tinbidel fi kważi teatru ħaj b'kulħadd iwettaq – bl-aqwa mod – ir-rwol tiegħu taħt id-direzzjoni ta' numru żgħir ta' nies li jmexxu aspetti differenti tal-festa – mill-armar, il-briju, in-nar, il-banda, sal-attivitajiet kollha tal-knisja.

Bħal kull ħaġa oħra ħajja, anke l-festa tradizzjonali Maltija qed tinbidel ftit ftit. Kif jinbidlu d-drawwiet, kif qed tinbidel il-lingwa, kif qed jinbidlu l-modi ta' għajxien. Jekk inqabblu l-festi tal-lum ma' dawk ta' ħamsin sena ilu naraw differenzi kbar. Mhux biss qed jintefqu iżjed flus iżda kollox qed jinħadem b'mod differenti. Illum għandek il-*billboards* imxerrdin ma' Malta jirreklamaw il-festi l-kbar, għandek iż-żgħażagħ jaraw li l-festa tiġi *streamed* anke *online* għall-emigranti u għal dawk li

jgawduha fiżikament ma jistgħux. Għandek il-ħolqien ta' ħafna radjijiet tal-komunità li qed iservu biex ħafna żgħażagħ isibu pjattaforma fejn juru t-talenti tagħhom.

U tqum, ovvjament, id-domanda ta' kemm għandna naraw li dak li jagħmel il-festa tradizzjonali Maltija speċjali jinżamm u jiġi mgħoddi lill-ġenerazzjonijiet futuri kemm jista' jkun intatt.

Il-futur tal-festa tradizzjonali Maltija huwa suġġett li ħafna minna l-Maltin, u persważ aħna kollha li qegħdin hawn, għandna għal qalbna. Ta' spiss nisimgħu b'diskussjonijiet li jistaqsu jekk wasalx iż-żmien li l-festa tiġi ridimensjonata. L-awtoritajiet tal-knisja ta' spiss isemmu l-ħtieġa li l-festa tkun tirrifletti iżjed l-ispiritwalità. Inċidenti sfortunati li qed jiġru iżjed ta' spiss fi kmamar tan-nar qed iġiegħlu lil ħafna jistaqsu dwar x'sehem għandu l-logħob tan-nar fil-festa Maltija. Għaqdiet tas-saħħa jappellaw f'kull staġun tal-festa għal iżjed responsabbiltà fil-festi, l-iżjed fejn jidħol ix-xorb. Iżda fl-istess waqt naraw li l-festa tiġbor flimkien żgħażagħ biex jaħdmu fil-banda jew fl-armar jew fil-knisja, u li hemm isibu skop u lok biex juru t-talenti tagħhom li altrimenti jistgħu ma jsibu qatt. Inħarsu madwarna u naraw li l-aqwa artisti li għandna f'pajjiżna bdew jesperimentaw bit-talent tagħhom fil-festa tar-raħal jew belt tagħhom.

X'inhu r-riżultat ta' dan kollu fuq il-festa Maltija? X'sehem għandhom it-tfal li għada pitgħada se jkunu huma l-organizzaturi tal-festi tagħna? Kemm huma sostenibbli l-festi bil-mod kif isiru llum?

Persważ li Dr Mark Anthony Falzon, Christine Cassar, l-Eċċellenza tagħha Vicki Ann Cremona, u l-Professur Jeremy Boissevain se jitfgħu dawl partikolari fuq il-festi tagħna u se jagħmlu minn din il-konferenza okkażjoni importanti fit-tiftix kontinwu tagħna għall-identità.

Jekk tippermettuli, qabel nagħlaq, ngħaddi suġġeriment żgħir, li forsi diġà ġie kkunsidrat. Ikun sabiħ jekk id-dokumenti li se jitressqu waqt din il-konferenza jinġabru flimkien fi ktejjeb, li apparti li jibqa' ta' tifkira, ikun ta' użu siewi għal kull min irid jitgħallem iżjed dwar il-festa Maltija bħala simbolu tal-identità tagħna.

Nirringrazzja mill-qalb lill-organizzaturi. Nifirħilhom mill-ġdid ta' din l-inizjattiva. U fuq kollox nifraħ lis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju fl-okkażjoni tal-ewwel ċentinarju tagħha. Persważ li bid-dedikazzjoni li mmarkat l-ewwel ċentinarju, il-ġenerazzjonijiet futuri għad jimmarkaw oħrajn.



*L-udjenza numeruża waqt is-seminar*

# M'hemmx festa bla nar:
# Murtali, ħsejjes, u t-tifsira tagħhom fil-festa Maltija

*Mark-Anthony Falzon u Christine M. Cassar*

F'editorjal riċenti f'magazin maħruġ mill-Kulleġġ tal-Kappillani Maltin, l-awtur (hu nnifsu qassis) argumenta li mhux minnu li n-nar hu element essenzjali tal-festa; għall-kuntlarju, l-element tal-periklu intrinsiku tan-nar jhedded li jħassar il-pjaċir tal-istess festa. L-editorjal ma ħarabx l-attenzjoni tad-dilettanti u ġibed ammont ta' kummenti fil-medja. Dan għaliex azzarda jmur kontra prinċipju kardinali li jissemma spiss ħafna u li rari jiġi sfidat. L-ewwel ħaġa lid-dilettanti tan-nar, u d-dilettanti tal-festi inġenerali, jgħidulek, hi li 'm'hemmx festa bla nar'. Dak li jkunu jridu jfissru mhuwiex li n-nar 'iżid' xi ħaġa mal-festa, iżda li n-nar hu parti intrinsika u li ma tistax tisseparah mill-festa.

Dan li ġej hu r-riżultat ta' riċerka li għamilna, jew aħjar qed nagħmlu, jien u l-kollega tiegħi Mark-Anthony Falzon. Peress li l-qasam tagħna huwa l-antropoloġija, ibbażajna din ir-riċerka fuq dak li aħna nsejħulu '*fieldwork*'. Bażikament dan ifisser li minflok xi stħarriġ bit-telefon jew xi kwestjonarju fejn wieħed jimmarka Iva jew Le, aħna nippreferu niltaqgħu man-nies kemm jista' jkun fil-ħajja tagħhom ta' kuljum u nippruvaw ukoll ngħixu l-esperjenzi li jgħixu huma. Pereżempju, biex nifhmu aħjar x'iħossu d-dilettanti meta jiġri xi inċident, f'Awwissu li għadda attendejna l-funeral ta' Mario Dimech fil-Mosta. Għalkemm ma konniex nafuh xorta waħda ħassejna s-sens ta' diqa u xokk li ħassew sħabu li għaddew tant sigħat miegħu fil-kamra tan-nar.

Lura għad-domanda taħraq tal-lum. Aħna naħsbu li d-dilettanti fil-fatt għandhom raġun li festa bla nar mhix proprja festa kif nafuha. Jiġifieri naħsbu, biex ngħiduha mill-ewwel, li m'hemmx festa bla nar. Dan ngħiduh a bażi ta' mill-inqas ħames aspetti.

L-ewwel. Il-festa kif nafuha hi esperjenza li bl-Ingliż ngħidulha '*multi-sensory*', jiġifieri magħmula minn sensazzjonijiet differenti (id-dehra, il-ħoss, ix-xamm, eċċ.). Il-ħoss fil-fatt għandu sehem importanti daqs l-armar fit-toroq u l-fidded fil-knejjes. Għandek il-ħoss partikolari tal-qniepen, pereżempju, li fi żmien il-festa jkun speċjali. Għandek ukoll il-ħoss tal-banda, il-geġwiġija tal-folol, u l-għajjat ta' waqt il-marċi u ta' meta l-vara tiddaħħal lura fil-knisja. Meta ngħidu 'briju' fil-fatt inkunu qed infissru wkoll dawn il-ħsejjes li jitħalltu flimkien b'mod kumpless u uniku. Inkwantu għan-nar, l-argument jeħodna għar-rabta diretta mal-festa li għandu n-nar fil-kuntest lokali. Meta wieħed jisma' l-murtali, nistgħu ngħidu li wieħed ikun qed jisma' l-festa fil-fatt. Dan jispjega wkoll il-fatt li l-ħoss tan-nar 'il barra mill-istaġun tal-festi, jew murtal fil-viċin barra żmien il-festa tar-raħal, jistona u jinstema' stramb.

Ħa nsaħħu l-punt permezz ta' żewġ eżempji minn pajjiżi mbiegħda. Fil-ktieb tiegħu *Sound and sentiment: Birds, weeping, poetics and song in Kaluli expression, 1982*, l-antropologu Feld jispjega kif għal xi ħadd li mhux midħla, il-foresta tropikali tal-Papua New Guinea tiġi esperjenzata bħala 'ħajt enormi ta' geġwiġija u ħsejjes strambi'. Għan-nies tat-tribù tal-Kaluli, iżda, li jitwieldu u jitrabbew fil-foresta, dan il-ħoss ifisser

xort'oħra. Tant hu hekk, li jitgħallmu jidentifikaw u jilmħu speċi partikolari ta' għasafar mill-mod kif l-għana tagħhom 'tintrefa'' minn dik li tinstema' bħala ġeġwiġija. Biex niftiehmu bl-użu ta' eżempju lokali, kull min hu dilettant tal-insib jaf li nassab iqatta ġranet sħaħ imdawwar b'kakofonija ta' ħsejjes u għana ġejjin mill-gabjetti tal-għajjat. Għal min ma jifhimx din hi ġeġwiġija sħiħa. Imma nassab tajjeb jimmarka mill-ewwel il-ħoss ta' għasfur tal-passa. Il-kelma li jużaw in-nassaba hi 'tħoss'; nassab tal-affari tiegħu jitgħallem iħoss (iktar milli jisma' fis-sens dejjaq) l-ambjent li jgħix u jonsob fih. It-tieni eżempju barrani jagħtihulna Oostermaan, li jispjega kif għall-ewwel li mar jgħix fil-*favelas* (qishom bliet magħmula minn djar x'aktarx fqar u ffullati) tal-Brażil, kien jisma' sparar li kien jaħsbu tiri. Maż-żmien tgħallem li dan kien fil-fatt sparar ta' murtali żgħar biex b'mod strateġiku jwiddeb lin-nies tal-post li ġejjin il-pulizija. Il-punt hu li f'Malta, wieħed jitgħallem 'jisma'' u 'jħoss' in-nar għall-kontenut kulturali tiegħu, jiġifieri l-esperjenza tal-festa. Għalhekk għedna li meta tisma' n-nar, fil-fatt tkun qed tisma' l-festa. Bħal meta ngħidu aħna tisma' bieb jistabat – ma tismax tisbita imma tisma' bieb jinstabat, anke jekk ma tkunx qed tarah.

It-tieni rabta bejn il-festa u n-nar ġejja mill-fatt li n-nar jirbombja u għandu qawwa penetranti ferm aktar minn ħsejjes oħra, pereżempju d-daqq tal-qniepen. Hu kważi impossibbli li taqta' barra l-ħoss tiegħu. Meta għedna li n-nar jinħass, konna qed nifhmu ukoll li l-murtali – speċjalment dawk qawwija li intom issibuhom 'tal-bomba', tħosshom jheżżuk u dak kollu ta' madwarek. Il-ħoss tal-bomba jaqtgħek minn ġewwa, ngħidu. F'dan is-sens mela, in-nar iwassal il-festa lill-individwu b'mod li l-ebda aspett ieħor tal-festa ma jista' jimita. Il-ħoss u l-vibrazzjoni jippenetraw l-elementi arkitettoniċi u kollettivi (il-bini, biex ngħiduha b'mod sempliċi) u jwasslu l-esperjenza tal-festa lill-individwu, b'mod fiżiku u intimu – litteralment billi jmissu lill-ġisem ta' dak li jkun.

La qed nitkellmu fuq il-ġisem tal-individwu, interessanti ngħidu li l-produzzjoni tan-nar issir ukoll parti intrinsika mill-persuna tad-dilettant. Ma naħsibx li nissorprendukom jekk ngħidulkom li ħafna min-nies li intervistajna spjegaw in-nar b'ġesti bl-idejn u l-wiċċ u ħsejjes li jġiegħluk tara n-nar, kif ukoll bi kliem bħal '*boom*', '*bam*', '*shhhh*', '*paħ*' u ħsejjes oħra. Biex wieħed jispjega s-sekwenza partikulari fi spettaklu jitlob li wieħed juża ammont ta' ħsejjes u ġesti li jiffiguraw it-tipi differenti ta' nar. F'dan is-sens, kemm-il proċess tal-produzzjoni (min-naħa tad-dilettant, jiġifieri) kif ukoll l-impatt (min-naħa ta' min jisma') jinħassu mill-qrib, bħala parti mill-persuna. U x'inhi festa jekk mhux esperjenza li tinvolvi l-bniedem kollu kemm hu?

It-tielet argument li jorbot in-nar mal-festa hu dak li, kif tafu intom aħjar minna, festa ta' stoffa hija festa li fiha struttura maħsuba, speċi ta' sekwenza ta' mumenti importanti. F'festa kif jixraq, kollox għandu l-ħin u l-waqt preċiż tiegħu – u hawn tidħol ukoll il-ħila tad-dilettanti. In-nar hu wieħed mill-elementi importanti li jistruttura u jagħti sekwenza lill-festa. Pereżempju, l-ħruġ tal-vara hu marbut mal-ħruq ta' kaxxa infernali, il-ħarqa l-kbira ssir lejlet il-festa, u l-bqija. Meta n-nies tar-raħal jisimgħu n-nar u anke t-tip u l-kobor tiegħu, jorbtuh ma' mumenti speċjali tal-festa; wieħed jista' jisma' l-bidu tal-marċ mingħajr ma jisma' l-banda, għax jinħarqu xi murtali jew xi musketterija. In-nar għalhekk jipprovdi kemm ir-ritmu kif ukoll il-*korjografija* tal-

festa. Mela festa bla nar hi fost l-oħrajn waħda parzjalment mejta għax tilfet ingredjent ewlieni li jagħtina ritmu. Jekk forsi qed ninstemgħu nesaġeraw, nistednukom tistħajlu kemm huma importanti r-ritmi bħala element ta' kull ritwal li jeżisti. X'inhi quddiesa mingħajr liturġija strutturata, mingħajr il-kant u l-ħoss tal-qniepen li jgħidulna meta bdiet, meta spiċċat, meta waslet il-konsagrazzjoni, u l-bqija?

Niġu għar-raba' element, il-famuża pika li tagħti tant enerġija lill-festi Maltin – u li tant tat togħma lill-kitba u r-riċerka ta' Jeremy Boissevain. Fi kliem sempliċi, peress li l-produzzjoni tan-nar hi sforz kollettiv (jekk xejn anke minħabba li kollox jiddependi fuq il-ġbir tal-flus mill-pubbliku), in-nar ifisser ukoll kejl ta' kemm-il komunità' hi kapaċi taħdem flimkien għal għan kollettiv u tiġbed ħabel wieħed. Barra minn hekk, id-dilettanti kemm minn inħawi oħra kif ukoll tal-post (speċjalment jekk ikunu fuq ix-xaqliba l-oħra, biex niftiehmu!) ikejlu l-ħarqa kemm mill-aspett ta' kwantità u kwalità. Il-kwantità hi xhieda ta' kemm-il komunità kapaċi taħdem fi spirtu ta' għaqda u tiġbor għall-festa, u l-kwalità hi xhieda tal-ħila u l-kapaċità teknika tad-dilettanti.

Mhux il-mument nidħlu f'dettalji tekniċi però min ikun dilettant mustaċċun ikellmek b'lingwaġġ rikk u tekniku fuq murtali bl-imsielet, blalen, u elf tip ieħor. Fuq xi grokk jew tnejn jew għaxra, id-dilettanti kapaċi jqattgħu sigħat sħaħ ikantaw taqbiliet li jniggżu lir-rivali tagħhom – kif tħobbu tgħidu intom, 'magħna ma tagħmlu xejn' (biex nibqgħu fuq verżjoni edukata). Jidher ukoll li d-dilettanti malajr fehmu l-kunċett tal-*Web 2.0* u ħafna qed japplowdjaw biċċiet ta' filmati tan-nar – ħafna drabi akkumpanjati b'mużika magħżula bi ħsieb nebbiexi – fuq il-*YouTube* u networks oħra. Mela f'das-sens in-nar huwa element ieħor f'dak il-qafas simpatiku ta' nkejja u kompetizzjoni li nsejħulu l-pika tal-festa. Bħal elementi oħra, in-nar sar parti mill-politika (mhux politika ħamra jew blu biex niftiehmu, imma tat-tip lokali) tal-festa Maltija. Kif tafu, fuq dan l-aspett ta' politika ta kontribut kbir Boissevain.

Il-ħames argument li nixtiequ nressqu hu dak li n-nar jwessa' l-ispazju tal-festa, b'mod impressjonanti. Għalkemm ix-xogħlijiet antropoloġiċi kemm ta' Boissevain kif ukoll ta' Mitchell it-tnejn isemmu l-firxa wiesgħa ta' spazji varji li fihom isseħħ il-festa Maltija (ngħidu aħna dak ċentrali tal-pjazza u speċjalment iz-zuntier, spazji passaġġi bħal ma' huma t-toroq imżejnin mnejn tgħaddi l-purċissjoni, l-ispazji aktar intimi tad-djar tan-nies imżejna għall-okkażjoni, u l-bqija), sa issa ma hemm l-ebda studju li jħares esklussivament lejn il-kunċett tal-festa u l-ispazji. Nixtiequ nipproponulkom li n-nar hu mill-aktar sinifikattiv f'dan l-aspett. Dan għaliex in-nar 'jwassal', jiġifieri jivvjaġġa bl-aktar mod mexxej għal diversi mili fil-madwar u hu ferm aktar diffiċli tikkontrollah u tirrestrinġih minn kwalunkwe element ieħor. Mela permezz tal-ħoss tan-nar, il-festa titwessa' u tinfirex fuq spazju ħafna ikbar minn dak limitat tal-lokalità fejn propjament issir. Il-festa twassal daqs kemm iwassal il-ħoss tan-nar, biex inpoġġuha mod ieħor.

Jista' jkun li dan jistema' kemxejn kontradittorju. Fuq naħa l-festa għandha skop lokali – tiċċelebra l-qaddis fi ħdan belt jew raħal, issir f'dak il-post, u għandha sinifikat speċjali 'għan-nies tal-post' (qed nużaw din l-espressjoni għaliex ma rridux infissru biss l-abitanti, imma dawk in-nies li jħossu rabta ma dak il-post għaliex huma jew il-familja tagħhom għandhom għeruq f'dak il-post). Min-naħa l-oħra qed ngħidu li l-festa qed tifrex l-operat tagħha 'l barra mill-konfini lokali permezz tal-element tal-

ħoss. Peress li Malta hi tant żgħira, dan ifisser li l-ħoss tan-nar jifrex ma nħawi kbar tal-pajjiż kollhu. Meta n-nies jisimgħu n-nar, bla ma jridu jsaqsu 'Din il-festa ta' fejn hi?' Fl-iljieli sajfin, hu possibbli li wieħed iħares lejn is-sema u jaqra fiha l-lokalità u l-esperjenzi li tkun għaddejja minnhom mill-isparar u l-ħsejjes li jkun hemm. Inżidu nargumentaw, li f'dan il-kuntest il-gżira kollha ssir speċi ta' pjattaforma li fuqha jiddandnu l-festi lokali bħala avvenimenti anke nazzjonali. In-nar mela hu element importanti li jagħti lill-festa Maltija din il-kapaċità affaxxinanti li tkun lokali u mifruxa fl-istess ħin.



*Nar tal-art fl-Imqabba fl-1970, ħames xhur biss wara traġedja bin-nar*

## Ideat differenti

S'issa l-argument tagħna kien li m'hemmx festa mingħajr il-ħoss tan-nar. Jeħtieġ issa nkunu naqra inqas ottimisti. Il-fatt hu li għal ħafna nies f'Malta n-nar hu meqjus bħala inkonvenjent, jew anke forma ta' vjolenza. Fl-Ingliż niddistingwu bejn 'ħoss' bħala '*sound*' u 'ħoss' bħala '*noise*'. Sintendi *sound* hu ħoss li ġeneralment jogħġbok, *noise* hu ħoss li jdejqek – biċċa mużika sabiħa hi *sound*, pereżempju, filwaqt li kompressur hu *noise*. X'aktarx li fil-Malti l-kliem ekwivalenti huma 'ħoss' għal *sound* u 'storbju' għal *noise*. Nimmaġinaw li għalikom – u għalina wkoll fil-verità, speċjalment wara li tgħallimna napprezzaw in-namra tagħkom – in-nar huwa ħoss. Għal ħafna però, huwa storbju. U hawnhekk nibdew ġejjin bil-banda.

Hu fatt li l-logħob tan-nar hu wieħed mis-suġġetti l-aktar dibattuti f'Malta. Fl-eqqel tal-istaġun tal-festi, u aktar u aktar wara xi traġedja bin-nar, il-gazzetti u radju u t-televixin ifuru b'argumenti dwar kemm hu aċċettabli n-nar. Ittra riċenti f'*The Sunday Times* tiġbor fiha ħafna minn din il-kritika, li ħafna drabi tirrepeti l-istess argumenti. Kif maqluba għall-Malti:

> Naqbel bil-qawwa mal-kampanja tagħkom biex jitwaqqaf darba għal dejjem dan il-bumbardament. Jien noqgħod f'żona mdawra b'irħula ppikati min jagħmel l-iktar storbju - Ħal Lija, il-Mosta, in-Naxxar u l-Għargħur. Dawn kollha jibdew il-bumbardament minn xi ħmistax qabel il-festa. Jaqbdu jaħarqu l-bombi ħin bla waqt u jtarrxuna bid-damdim ... ikollna nagħlqu l-bibien u t-twieqi f'dik is-sħana tas-sajf, forsi ntaffu xi ftit mill-istorbju ... ma nistax nifhem kif hawn nies li jogħġobhom dan il-barbariżmu primittiv. Possibbli ma jindunawx xi ħsara qed jagħmlu lilhom u lil ta' madwarhom?

Mhix l-intenzjoni tagħna li noqogħdu naraw min għandu raġun – naħsbu indunajtu s-simpatiji tagħna fejn qegħdin. Minflok ser inħarsu – b'mod kemxejn arbitrarju, għax hemm ħafna iktar x'tgħid – lejn żewġ aspetti tan-nar: il-ġeneru (jiġifieri maskil jew femminil) u l-assoċjazzjoni ma' ideat ta' moderazzjoni u modernità. Dawn jorbtu ma' jekk in-nar jiġix meqjus bħala ħoss jew storbju.

## Ġeneru

Nibdew bi kwotazzjoni qasira minn intervista ma'dilettant:

> M'hemmx nisa li jinteressahom jaħdmu n-nar. Insomma hemm waħdiet, u l-biċċa l-kbira għandhom il-liċenzja imma ma jaħdmux. In-nar periklu ... ikollhom il-familja.

B'kollox f'Malta hawn 1500 dilettant reġistrati. Minnhom tlettax biss huma nisa. Dan juri biċ-ċar li n-nar hu d-dominju assolut tal-irġiel. U ngħiduha, fil-realtà kemm-il manifattura kif ukoll il-ħruq tan-nar isir kważi esklussivament mill-irġiel. Il-kmamar tan-nar kif ukoll l-għelieqi minn fejn jinħaraq huma spazji maskili. Fil-fehma tagħna, dan it-twaħħid bejn nar u maskulinità, jestendi anke għat-territorju maħluq mill-ħoss. Fi kliem ieħor qed nissuġġerixxu li n-nar fil-kultura Maltija huwa meqjus bħala fenomenu essenzjalment maskili.

Id-dilettanti pereżempju jitkellmu dwar in-namra tagħhom għan-nar. Il-kelma namra tintuża għal diversi delizzji f'Malta imma l-aktar għall-kaċċa u l-insib, u għan-nar. In-namra hi meqjusa (mid-dilettanti) li tkun fid-demm u tgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra, predominantement fl-irġiel u permezz tal-irġiel (xi nannu, missier jew ziju pereżempju). In-namra twassal lill-irġiel li jissugraw ħajjitom u partijiet minn ġisimhom; twassal xi drabi biex jintilfu l-irjus sal-punt li wieħed ippoġġi d-delizzju qabel l-istess interessi ta' familtu.

> "Hi f'demmi", qalilna wieħed dilettant, "ma nafx x'naqbad nagħmel kieku kelli nieqaf min-nar. Darba ppruvajt u wara ftit xhur kelli nibda nibla' l-kalmanti. Bdejt intabbab u ma stajtx nissaporti. Vera li ridt nieqaf – ma riedtx ninkwieta aktar lill-mara – kienet tinkwieta ferm meta nkun hemm isfel u ninsa l-ħin u niddawwar. Ippruvajt, imma wara erba' xhur erġajt waqajt mill-ġdid għan-nar".

Il-fatt li n-nisa rari jaħdmu n-nar ma jfissirx li m'għandhomx sehem fil-proċess kollu. Hawnhekk l-istatistika taf tqarraq. In-nisa fil-fatt **huma** involuti – fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet għal ġbir ta' fondi, bħala parti mill-kumitat tan-nisa fi ħdan il-każin, eċċ. Jidhrilna wkoll li għandhom sehem simboliku ta' nisa u ommijiet li jsofru. Jagħmlu hekk kemm għaliex joqogħdu d-dar jistennew u jinkwetaw dwar is-sigurtà ta' żwieġhom u uliedhom, u billi jieħdu sehem attiv fis-sogħba meta l-affarijiet imorru ħażin. Jekk ir-riskju li taħdem in-nar hu assoċjat mal-maskulinità, l-istorja ma tkunx kompluta jekk ma nsemmux dan is-sehem importanti.

Minkejja dan kollu, jibqa' l-fatt li n-nar hu dominju tal-irġiel. Huma l-irġiel li jixtru l-proviżjon, iħalltu l-kulur (proċess meqjus bħala perikoluż), u li jqattgħu s-sigħat jiġru fl-għelieqi mimlija ġamar u duħħan waqt il-ħarqa. Dan hu partikolarment relevanti għall-argument tagħna, għaliex il-ħoss isir estensjoni ta' din l-attività fiżika. Dan hu għaliex il-ħoss hu fl-aħħar mill-aħħar estensjoni ta' din il-fiżikalità. Hu għalhekk li qed nargumentaw li, bħala ħoss, in-nar huwa b'mod ċar u dirett wieħed maskili.

Sa issa tkellimna dwar il-*ħoss* ġenerat mill-irġiel. X'ngħidu dwar l-*istorbju* li joħolqu? X'inhi r-relazzjoni bejn il-ġeneru, in-nar u l-politika tal-ħoss? Bħala punt tat-tluq nistgħu ngħidu li l-maskulinità nnifisha hi meqjusa f'diversi gradi li jiffurmaw speċi ta' ġerarkija. Mela mhux biżżejjed ngħidu li n-nar hu maskili, imma rridu nsaqsu wkoll liema tip ta' maskulinità hu assoċjat magħha.

Fl-immaġinazzjoni popolari ta' ħafna nies (jiġifieri dik l-immaġinazzjoni li twassal għal ittra bħal dik fit-*Times*) l-irġiel li jaħdmu n-nar għandhom irġulija kemxejn partikolari. Dawn huma nies x'aktarx fuq tagħhom li lesti litteralment jilagħbu man-nar, li jissugraw mingħajr ħsieb għal saħħithom u dik tan-nies ta' madwarhom. (Nafu



*Parti mill-baraxxijiet maħruqa f'sinkronizzazzjoni elettronika mal-mużika*

li mhux il-każ imma l-fatt hu li ħafna nies hekk jaħsbuha – ta' min forsi ngħidu li l-kaċċaturi wkoll spiss igergru minn dan il-preġudizzju.) Il-ħoss tal-murtal, mela, jista' jġib quddiem għajnejn dak li jkun irġiel li 'jagħmlu li jridu'. Spiss nisimgħu fil-fatt nies li jgergru, wara xi ħarqa tajba, li 'f'Malta kulħadd jagħmel li jrid'.

Il-ħoss tan-nar, mela, għal xi nies jirrappreżenta rġulija partikolari, irġulija li ma tiddejjaqx tagħmel l-istorbju u tikkawża periklu għall-pjaċir tal-individwu. Sintendi hemm ħafna oħrajn li ma jaqblux. Għal dawk tal-ewwel in-nar x'aktarx hu storbju; għal dawn tat-tieni hu ħoss. U hawnhekk joħroġ l-ewwel punt tagħna fuq din il-kwistjoni kollha bejn storbju u ħoss.

## Modernità moderata

Niġu għat-tieni punt. Ħafna mid-diskussjoni marbuta man-nar iddur madwar il-kunċett tal-moderazzjoni. Kważi hemm qbil u kunsens (b'eċċezzjonijiet żgħar), anke fost dawk li jarawh bħala storbju, li n-nar m'għandux jispiċċa għal kollox. Dan għaliex fost l-oħrajn hu meqjus parti mit-tradizzjoni tal-festa tar-raħal - u ngħiduha, arma effikaċi biex tirbaħ il-qlub, l-imħuħ u l-bwiet tat-turisti.

Il-kunċett ta' moderazzjoni jorbot ferm ma' li wieħed iżomm kontrol tal-ħoss. Il-murtali tal-bomba huma fil-fatt l-aktar li jiġbdu lejhom kritika. Dawn ukoll l-iktar li jagħmlu ħoss, u li skont l-argument tagħna l-iktar li jwessgħu l-ispazju tal-festa. Jekk jitneħħew il-murtali tal-bomba nkunu effettivament qed inċekknu ċ-ċirkomferenza tal-ispazju tal-festa Maltija.

Anke fost id-dilettanti, huma ftit ħafna dawk li jargumentaw li l-idea tal-moderazzjoni m'hemmx lokha. Kif tistgħu timmaġinaw, hu meta niġu biex niddeċiedu eżatt xi tfisser moderazzjoni li jibda l-bużillis. Il-politiċi pereżempju jħobbu jitkellmu fuq il-bilanċ li jeħtieġ jinstab bejn it-tradizzjoni u d-dixxiplina. U kif tafu tajjeb, il-Knisja nnifisha bħalissa tinsab f'nuqqas ta' qbil mad-dilettanti wara li ħarġu l-proposti ta' kontoll fuq il-festi. "Aħna qatt ma għidna lil ħadd li n-nar għandu jispiċċa", qalilna rappreżentant tal-knisja, "però hemm nar u hemm nar – l-eċċessi mhumiex ġusti, għandna l-obbligu tar-rispett lejn l-oħrajn". L-akbar kritika x'aktarx ġejja mill-kontributuri fuq il-ġurnali bl-Ingliż; speċjalment fl-aħħar snin kien hawn baraxx ta' kritika qawwija kontra n-nar. Fl-aħħar nett anke d-dilettanti nfushom jitkellmu dwar il-bżonn tal-moderazzjoni. Kif qalilna wieħed minnhom, "Hemm bżonn aktar kontroll. L-affarijiet kienu ħarbu mill-kontroll u xi wħud kienu qed jagħmlu li jridu – però l-infurzar irid ikun ġust ma' kulħadd."

Hemm żewġ aspetti ta' dan id-diskors kollu dwar il-moderazzjoni. L-ewwel wieħed hu dak tal-moralità. Fil-Malti l-kelma 'kwiet' għandha tifsira morali meta tintuża għal individwi u anke postijiet. Meta ngħidu 'raġel kwiet', pereżempju, nkunu qed infissru raġel ta' ftit kliem u ta' fiduċja; 'post kwiet' ifisser ukoll post residenzjali bla nkwiet u tajjeb biex tgħix fih. Meta niġu għan-nar, naħsbu taqblu magħna li diffiċli nużaw il-kelma 'kwiet'. Fl-istess ħin imma n-nar huwa parti mill-festa, li hi wkoll espressjoni tal-moralità u r-reliġjon tal-komunità lokali. Id-diskors ta' moderazzjoni jinkwadra proprju hawn, għax il-moderazzjoni fin-nar issir speċi ta' medjazzjoni, ta' kompromess, bejn in-nuqqas ta' kwiet (u allura l-immoralità) tal-festa, u reliġjożità (u allura l-moralità)

tagħha. Il-moderazzjoni, mela, tagħti ċerta leġitimità lin-nar għax tippreserva l-moralità tiegħu. Hu anke għalhekk li nsibu li ħafna drabi n-nuqqas ta' moderazzjoni fin-nar tiġi mfissra bħala att immorali lejn ix-xjuħ u l-morda, pereżempju. Hu għalhekk ukoll li d-dilettanti nfushom jaqblu li għandu jkun hemm xi tip ta' moderazzjoni; l-ebda dilettant ma jixtieq jiġi ttimbrat bħala xi ħadd li jaqa' u jqum mill-morda u x-xjuħ.

Hemm aspett ieħor tal-moderazzjoni. Forsi smajtu li xi xhur ilu l-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li tressaq lil Malta quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja Ewropej għax Malta ma onoratx l-obbligu tagħha li tirriċerka u tirregola l-istorbju kif titlob l-hekk imsejħa Noise Directive tal-EU. Mhux se noqogħdu nidħlu fid-dettalji hawn. Ninnutaw biss li l-liġijiet Ewropej – li għal ħafna Maltin jirrappreżentaw il-qofol tal-modernità (anke jekk ma jaqblux magħhom) – qed jagħmlu enfasi fuq il-moderazzjoni fil-ħoss.

U hawn jidħol in-nar. Għal dawk li jaraw in-nar bħala storbju, hemm tendenza li jarawh ukoll bħala xi ħaġa primittiva, xi ħaġa kontra l-modernità jiġifieri. Hu għalhekk li xi wħud jiddeskrivu l-ħarqa bħal 'qisna qegħdin l-Afganistan'. Interessanti li fid-dibattitu tal-proġett tal-Belt ta' Renzo Piano, ħafna nnutaw li impossibbli jkollok teatru mikxuf f'pajjiż fejn kull ġimgħa għandek festa għal waħda tnejn. Hawnhekk toħroġ din id-distinzjoni fl-imħuħ ta' ħafna bejn l-ispazju ċivilizzat ta' teatru u l-ispazju primittiv tas-sema sajfi Malti.

Hemm ħafna iktar x'wieħed jgħid fuq in-nar. F'din it-taħdita qasira ppruvajna biss noħorġu żewġ aspetti żgħar – dak tar-rabta bejn nar u festa, u dak tal-kontroversji li joħloq il-ħoss, jew l-istorbju, tan-nar. Storbju jew ħoss, żgur li ftit hemm affarjiet li joħolqu tant faxxinu u mistoqsijiet għall-antropoloġija.



*Ir-raddiena li rebħet it-titlu tal-Guinness World għall-akbar raddiena fid-dinja maħruqa lejliet il-festa tal-Ġilju fl-Imqabba f'Ġunju 2011*

# Abstract

The point of our talk will be to move fireworks from the backdrop they normally occupy, to the foreground of festa - and on this occasion of our analysis. We have no doubt that indeed, 'm'hemmx festa bla nar', for five reasons. First, fireworks are an intrinsic part of what we might call the 'soundscape' of festa. Second, there is something quite special about the sound of fireworks, in that it is pervasive and experienced via the whole body. Third, fireworks serve to structure the time of festa. Fourth, they are an important element of the *pika* (rivalry) that so energises our festi. Fifth, they 'spread' festa across space in fascinating ways. We will also be looking at some of the ways in which fireworks lend themselves to politics and contestations, by discussing the intersections between them and gender, modernity, and 'moderation'.



## Nota Bijografika

Christine M. Cassar hi studenta għal MPhil fl-Analiżi tal-Antropoloġija Soċjali fl-Università ta' Cambridge (Jesus College), bi studju fuq *hawala networks* fl-Ewropa u l-Afrika tal-Lvant. Hi ggradwat *summa cum laude* fil-baċellerat bl-unuri fis-Soċjoloġija mill-Università ta' Malta, b' riċerka fuq ir-relazzjoni bejn il-ħoss u l-ispazji. Fl-istess żmien hija kienet qed tagħmel xogħol ta' assistenza tar-riċerka fl-Arkivju Nazzjonali tal-Data tal-Ġustizzja Kriminali fl-ICPST, l-Università ta' Michigan, Ann Arbor. Hi rriċerkat ukoll u kitbet dwar ir-rappreżentanza taż-żgħażagħ fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, temi ta' drittijiet tal-bniedem fil-ħrejjef, u ugwaljanza fil-Curriculum Minimu Nazzjonali Malti.



## Nota Bijografika

Mark-Anthony Falzon huwa antropoloġista soċjali. Huwa *Senior Lecturer* u Kap tad-Dipartiment tas-Soċjoloġija fl-Università ta' Malta kif ukoll membru għal ħajtu ta' Clare Hall f'Cambridge. Id-dottorat li ġab minn Cambridge fl-2002 iffoka fuq il-prattiċi transnazzjonali tal-Hindu Sindhis wara studji parteċipattivi f'Londra, Malta u Mumbai. Studja modi ta' ħajja oħra f'Mumbai, il-kaċċa ġewwa Lampedusa u Malta, u l-element ta' ħoss fil-festa Maltija. Ħadem ta' konsulent mal-IOM u hu arikolista regolari *The Sunday Times*. Il-pubblikazzjonijiet tiegħu jinkludu *Cosmopolitan Connections,* pubblika minn Oxford University Press fl-2005 u *Multi-sited Ethnolgraphy,* ppublikat minn Ashgate fl-2009. Bħalissa jinsab fuq *fellowship* ġewwa l-Max Planck Institute f'Göttingen.

# The Theatricality of the Maltese festa

*Vicki Ann Cremona*

The parish *festa* is one of a range of religious street processions which include various celebrations such as Corpus Christi, Good Friday, Easter Sunday and others. Religious ceremonial in these islands, which dates back to prehistoric times, is an intrinsic component of Malta's cultural roots. Much public celebration in the Maltese islands is linked to religious festivities. The *festa* is certainly the most popular, as it allows the community to regenerate itself and derive new strength by providing a privileged moment for people to come together and reaffirm their common identity in an ostentatious display staged for their benefit, as well as for that of the rest of the population. It is very difficult to imagine the Maltese community without its *festi* as their celebration constitutes an essential and seemingly indispensable component of Maltese social and cultural life.

The word '*festa*' brings to mind a special time, set apart from the rest of the year, which is a focal point in the life of a parish. It brings together those who identify themselves as belonging to a particular community, through the celebration of the community's patron saint. Though the saint would appear to be the focus of attention, and everything is done to proclaim the saint's glory and greatness, in reality the celebration is a way for the community to celebrate itself, its importance and distinction. All that contributes towards making the *festa* bigger and better serves the ulterior purpose of throwing light on the value of a community which is capable of producing something of consequence. Accordingly, the theatrical qualities of the festivity also serve to highlight the community's capacity to attract the attention, admiration and, up to a certain extent, the envy of persons outside it. Preparations are carried out all through the year, and climax in the religious, social and theatrical moment of the *festa* celebrations.

The theatrical qualities of the event emerge through various elements; however this paper will focus on two, namely ostentation and transformation. Ostentation brings things into sharp focus by the act of showing them. The underlying intent of this act is to attract attention, to oneself, one's community, and one's immediate environment. The purpose of the celebration is for the individual members of a community to show themselves to the other members of the same community, for that community to show itself to other communities within the town or village, and for the village or town community to show itself to the wider national context. This is even more relevant in a country like Malta, where the relative proximity of any town or village makes it possible for people from any part of the country to attend a specific local *festa*, without this constituting a problem either in terms of time or travel. Barring a few exceptions, most *festi* are today generally celebrated during the weekends in the summer season. Formerly, they were celebrated all through the year on the day corresponding to the saint's feast day according to the religious calendar[1].

---

[1] On March 8, 1977, six feasts were moved to the weekends, and were removed from the list of Holy

The recognition of the importance of a particular *festa* is perceived as a means of enhancing the prestige of the particular village or town district that organises it. More importantly, it serves to bring the people together, since it is the principal occasion in the year where, through the celebration of the feast of the patron saint, the participants identify themselves as belonging to a particular community. The latter does not only comprise the persons living in the locality, but also those from the village or town district who have moved to other areas of the Maltese islands, as well as emigrants, originally from the area, who usually plan their rare holidays in Malta around the time of the *festa*, bringing back their children and grandchildren so that they too can participate in the celebrations, and therefore acquire a sense of belonging within a particular community. A number of village or town communities are split into smaller groups, each having their own patron saint. This state of affairs gives rise to rivalry or 'pika', with each faction claiming to be the oldest, the biggest, the strongest – in a word, the best. As Boissevain states: "'*Pika*' denotes relations of competition, ill-feeling, hostility [...] if there is *pika* between two groups, a no-holds-barred competition is expected"[2]. The *festa* becomes an ostentatious means to express the superiority of one faction and its domination over the other. Rivalry constitutes a basic element in the shaping of the *festa* and the production of the festivity's dramatic effects, since it is often the pivot for action within the *festa* celebration. The fact of belonging to a particular faction may also mean partisanship for a particular political party. Ostentation therefore, does not only include the religious and social aspects but also penetrates politics, which play an important role at all levels of social life in the Maltese Islands. Indeed, the lack of a patron saint in the new towns and villages does not only deprive the local community from having a focal point for a shared identity, it also divests the community of an important platform for political activity.

## The Ostentation of the festive space

It is the passage of the saint from inner space of the church to outer space of the street which merges the two spaces into one, thanks to the presence of the saint in a transformed space, and the sense of unity that is created by the passage from inside to outside. For the privileged moment of the feast, social and cultural differences between members of the same community are mostly put aside. All festive rituals[32], from the *dimostrazzjoni*, to the *marċijiet*, the *ġiġġifogu* and *purċissjoni* and *antifona* are characterised by great theatrical qualities, where ostentation and transformation can be observed in the different ways people behave at different moments. They can be seen as different scenes of a performance, where the specific theatrical aspects of each scene create variations of colour and intensity all through the *festa*. However, the most important element in the *festa* lies in the very fact that it is celebrated, and the importance of the different forms of celebration is to be considered by the way these are integrated into the festivity itself.

The two most important moments of the evening procession are the moment when the statue emerges from the church, and that when it is taken back. The two moments are marked by volleys of fireworks and *murtali*. In certain localities, before the procession comes out of the church, people call out to the statue, as though willing it to appear[33]. The coming out of the statue from the church is preceded by the '*salut*' (literally: greeting) which hails the beginning of the procession and consists of the setting off of twenty-one '*murtali tal-bomba*' (petards which explode with a very loud bang). While these go off at intervals, the confraternities, each carrying their '*stendardi*' or banners, emerge from the church followed by the altar boys and the clergy, distributed according to rank. After that come the bearers carrying the statue on their shoulders. As soon as the statue appears on the church threshold, a signal is sent to the field where the firework handlers are waiting and the '*Kaxxa tal-ħrug*' (literally: 'the exit box', i.e. the petards exploded at the statue's emergence from the church) are sent off. As these are mostly made up of *murtali tal-bomba,* the huge noise produced informs all the surrounding areas, even those beyond the festive area, that the procession has indeed started. The band plays the saint's anthem, and after that, depending on the locality, people loudly recite poems to the saint which are often impromptu. These poems praise the saint and proclaim its superiority over anything or anyone else, affirming thereby, the superiority of the parish above any other. This custom is reminiscent of the *saetas*, or spontaneous verses that are sung to the Virgin Mary during the Good Friday processions in Seville, Spain. The band follows the statue, and the procession wends its way through the streets.

Men of the locality often vie for the honour of carrying the statue, also because indirectly this is a confirmation of their strength and prestige. Many men who often carry statues boast of their *'ħobża'* (literally bread, but here meaning hump, formed by

[32] I use ritual in the sense of 'standardised act' as defined by Richard Schechner, rather than Victor Turner's definition of a 'complex sequence of symbolic acts'. See Turner, V. (1992) *The Anthropology of Performance*, New York, PAJ Publications, p. 75.

[33] This is particularly the case for example, in the Feast of St Paul's Shipwreck in Valletta where people call out 'Magnus' (the great) to the statue which is still inside the church.

the callous skin that is caused by carrying such a heavy load for so long). The bearers' skill in carrying the statue is shown in their ability 'to make it dance' (*'iżeffnuha'*). The lilt in their step makes the statue sway and therefore seem more lifelike. Wherever the statue passes, it is warmly greeted by clapping and cheering. Every so often, the bearers stop and the statue is rested on *il-lasti tal-furċina* (poles with huge prongs on which the poles passing underneath the statue and carried on the bearers' shoulders are rested). This provides the opportunity for the people lining the streets and the balconies to gaze more closely at the statue and comment on its beauty, the wealth of its jewels, the flowers adorning it. Comparisons with other statues can also sometimes be overheard. The procession is accompanied by the sporadic explosion of petards before sunset and afterwards, of fireworks (*'murtali tal-ftuħ'* [a firework which breaks out into a shower of coloured sparks]).

Although the order of the procession is highly structured, some parishes create certain distinctive features within their celebration. In Valletta, the statue of St Paul is turned to



*Il-fratelli tal-ġilu kburin iġorru l-vara*

face the sea at every street corner, and upon its arrival at St John's Cathedral, it is taken up the steps of the Cathedral and the passage from the Acts of the Apostles concerning the arrival of St Paul to Malta is read out, reminding the participants that it was the saint who gave the Maltese their faith. Formerly, in L-Isla, as the statue of the Virgin Mary (known as *il-Bambina*) was paraded along the waterfront, it used to be lit up by the ships in Senglea Creek which would direct their powerful beams on to it, creating a magical effect as the statue's silver painted garments sparkled in the aura of intense light surrounding it[34]. All the different variations are seen as bestowing added importance to the patron saint. The statue becomes the supreme expression of the community, and in fact it remains in the streets after the rest of the procession has returned to the church. As the statue comes closer to the church, the space around it is appropriated by the revellers, who sing, jump and dance around the statue, integrating it into the festive space created by their merrymaking, making it even more the focal point of their joyous celebration. In various localities, during the last part of its journey back to the church, the bearers hand over the statue to the men flocking around who yearn to carry it, even if for a short distance, and men replace each other in succession under the poles to carry the statue back to the church, before handing it back to the bearers. At that point, the communal feeling of identification with the saint becomes even more intense. It finds verbal expression in the poems that are created by young men who climb on to their friends' shoulders to recite them to the saint and the community, and by the women standing in front of the statue praising the saint. This moment marks a peak of outdoor collective celebration, which reaches its crowning glory with the *'kaxxa infernali'*. This is set off after the bearers have climbed the steps leading to the church door. There they stop, and the statue is turned to face the crowd and watch the last fireworks, a final ostentatious explosion of colour and celebration, before the final entry into the church. Later that evening, the *marċ tal-aħħar* (last march) is organised by and for the men who have been letting off fireworks during the procession.

The last solemn celebrative moment occurs within the church, and is a manifestation of the community's unity and oneness, which has been underlined and reinforced all through the process of celebration. This is marked by the singing of the *'antifona'*, which is sung together with the tenors and the orchestra that have been waiting inside the church. The explosion of song is the final expression of collective celebration, and is often experienced as an intense and moving moment, sung by many with tears in their eyes, where the community is bringing the *festa* to a triumphant if regretful end. It is followed by the *Tantum Ergo*, a Eucharistic hymn sung at the conclusion of the celebrations just before the solemn benediction is given; in some parishes, the first notes are the signal for a large part of the congregation to leave the church.

As we have seen, the celebration of the saint is a way for the community to honour itself. The *festa* gives rise to a whole series of activities, linked both to indoors and outdoors, which produce the spectacular effects that it is immediately associated with in the minds of one and all. Not all communities celebrate their *festa* with the same

[34] Wilfred Kenely, *Festa ta' Marija Bambina, L-Isla,* personal communication.

intensity, but within each community there is a core group of people for whom the festivity constitutes a basic factor in their *raison d'être*, and even those who are less directly involved would never envisage a total absence of celebration. Symbolically, the saint denotes and reaffirms the community's distinctiveness, and in spite of the fact that religious fervour is on the wane, the *festa* is still a focal point of Maltese community life, precisely because its significance is firmly anchored within the community's social identity.

---

## Sommarju

Żmien il-festa huwa wieħed importanti u huwa ċ-ċentru li fuqu ddur il-ħajja parrokkjali. Għalkemm il-festa tiġi f'unur il-patrun/a tal-parroċċa, matulha l-kommunità tiċċelebra lilha nnifisha, filwaqt li tkabbar il-prestiġju tagħha. Dan l-istudju janalizza l-festa bħala avveniment teatrali, b'mod partikolari jiffoka fuq l-aspetti ta' esibizzjoni u ċelebrazzjoni. L-istudju juri kif l-ispazji ta' kuljum jinbidlu u jsiru spazji barra mill-ordinarju u jelenka sinjali esterni ta' festa. Dan sabiex jippenetra livelli differenti ta' tifsir matul dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Permezz tal-festa, in-nies tal-lokalità jirrijaffermaw l-identità komuni tagħhom u jsaħħu r-rabtiet tal-komunità.



### Nota Bijografika

Vicki Ann Cremona hi Associate Professor fid-Diviżjoni tal-Istudji Teatrali ġewwa l-Istitut tal-Istudji Mediterranji fl-Università ta' Malta. Sal-2004 hi kienet il-Koordinatur Akkademiku tal-Programm tal-istudji teatrali. Fl-2005 inħatret Ambaxxatur ta' Malta għal Franza u preżentament isservi ta' Ambaxxatur għat-Tuneżija. Hi kkontribwiet għall-Politika Nazzjonali Kulturali li ġiet ippubblikata fi Frar 2010. Fil-passat serviet ta' membru fuq il-Kummissjoni Nazzjonali tal-UNESCO u l-Kummissjoni Nazzjonali tal-Folklore. L-interess tar-riċerka tagħha jiffoka l-aktar fuq ir-relazzjoni bejn il-poter u s-soċjetà kif espressi fit-teatru u l-avvenimenti teatrali. Kitbet diversi xogħlijiet dwar iċ-ċelebrazzjonijiet pubbliċi f' Malta, b'mod speċjali l-Karnival, teatru politiku, u l-*commedia dell'arte* fis-Seklu Sbatax.

# *Festa Saints and Fireworks:*
# Ħarsa fuq medda ta' snin 1960-2010

*Jeremy Boissevain*

Fl-1983, antropoloġista Kanadiż osserva li *'new celebrations are being created and older ones revived on a scale that is surely unmatched in human history'*.[1] Dak li osserva żgur japplika għal Malta fejn jiġu ċelebrati xejn inqas minn mitejn festa reliġjuża fis-sena. Dawn il-festi jinkludu kemm ritwali reliġjużi kif ukoll ċelebrazzjonijiet pubbliċi kkuluriti u fuq skala kbira. Mill-festi kollha, dawk f'isem il-qaddisin tar-raħal huma l-aktar popolari. Huma jipprovdu l-iżvog pubbliku prinċipali fir-raħal, u għamlu hekk għal bosta sekli.

Il-festa jew festi annwali huma aktar minn festi reliġjużi f'isem il-patrun u ċelebrazzjoni ta' ferħ. Hi espressjoni tal-identità soċjali u ġeografika tal-komunità li tkun qed tiċċelebra, kemm jekk hu l-każin tal-banda, il-partit tal-festa, il-parroċċa u/jew ir-raħal. Il-festa hi xi ħaġa li l-membri tal-komunità jistennew b'ħerqa u jħejju għaliha b'mod volontarju għal xhur sħaħ. Il-fama u il-prestiġju tal-komunità tistrieħ fuq dan is-suċċess.

Irrispettivament mid-data liturġika ta' meta taħbat il-festa, illum kważi kollha huma ċċelebrati fis-Sajf. Dan biex jaċċerta li t-temp ħażin ma jħassarx it-tgawdija tal-armar u n-nar. Eluf ta' turisti u Maltin iżuru r-raħal fil-festa biex igawdu l-festi. L-udjenza Maltija għandha f'moħħha ideat ċari ta' x'jgħamel festa suċċess. Xejn minn dak li jaraw ma' jaqbeż il-kritika tagħhom, ghaliex minbarra li jmorru biex igawdu l-festa, ikunu hemm ukoll bħala kritiċi. Huma jiflu u jiżnu t-tiżjin fil-knisja, il-mixegħla tat-toroq, in-numru, daqs u talent tal-banda lokali jew mistiedna, l-ammont ta' nies għall-festa – li jinkludi l-ammont ta' xarabanks għat-turisti pparkjati f'xi bajpas – u l-aktar, il-qwantità, kwalità u ritmu ta' ħruq tan-nar. Dan kollhu jqabbluh mal-festa tagħhom u ta' oħrajn. L-unur tal-komunità jorbot ma' dan il-ġudizzju. Dan hu fattur li jikkonċerna lir-raħal kollhu, u l-komunità jew każin jingħaqad biex jippreżenta prodott mill-aqwa quddiem il-barrani.

F'dawn l-aħħar ħmistax-il sena ftit jidher li kien hemm tibdil fir-ritwali tal-festi ta' ġewwa. Għall-kuntrarju, il-festi aktar brijjużi u teatrali ta' barra kibru bil-kbir. Dan hu parzjalment frott taż-żjieda fin-numru ta' każini tal-banda – il-forza wara ċ-ċelebrazzjoni tal-festa. Fl-1960 kien hemm madwar ħamsin każin tal-banda f'Malta u Għawdex. Sal-2010 dawn telgħu għal tlieta u tmenin. Aktar sinifikanti hi ż-żjieda fil-proporzjon ta' rħula b'żewġ jew aktar każini tal-banda. Fl-1960 kien hemm biss wieħed minn kull tlett irħula b'żewġ każini tal-banda jew aktar (dsatax jew 34.5 fil-mija tan-numru totali). Sal-2010 dan il-fenomenu tela' għal aktar minn nofs il-komunitajiet (seba u għoxrin jew disa u erbgħin fil-mija tal-ħams u ħamsin raħal jew belt). L-akbar

[1] Manning, F.E.. 1983. 'Cosmos and Chaos.', in F.E. *The Celebration of Society*. Bowling Green: Bowling Green University Popupular Press, p. 4.

kompetizzjoni u pika tinsab f'dawn il-komunitajiet. Il-kompetizzjoni hi l-mutur li twassal għal żjieda fil-kobor, sbuħija u innovazzjoni tal-festi Maltin.

Minbarra ż-żjieda fin-numru ta' każini tal-banda, il-kobor tal-manifestazzjonijiet jidher ukoll f'erba' fatturi oħra. L-ewwel, il-festi ta' barra twalu. Fl-1960 kienu jdumu tlett ijiem (l-aħħar jum tat-tridu, lejlietha u nharha). Illum iddum ġimgħa sħiħa. It-tieni, it-tiżjin fit-toroq sar aktar elaborat u litteralment ħa dimensjonijiet ġganteski. Fis-snin sittin l-umbrellel u ljuni simboliċi fil-marċi kienu jinġarru fl-idejn. Illum dawn u s-sorpriżi saru ġganteski u jinġarru fuq karrijiet. It-tielet element hu dak dwar il-marċ ta' filgħodu (jew ta' nofsinhar f'xi rħula) li wħud minnhom anke bdew fis-snin erbgħin u nfirxu u saru storbjużi ferm. Fl-aħħar nett, id-daqs u kwalità tan-nar żdied ferm mis-snin sittin.[2]

## In-Nar

Għal ħafna spettaturi n-nar hu l-aktar aspett eċitanti u drammatiku tal-festa. Is-subien għandhom kilba partikolari għan-nar, u Malta mhix eċċezzjoni. Wara l-festa tarahom iħufu fl-għelieqi minn fejn ikun inħaraq in-nar, bħal *crows* fl-għelieqi tal-qamħ wara l-ħasda sabiex isibu biċċiet mhux sploduti. Ħafna minnhom jispiċċaw involuti fil-manifattura tan-nar. Joseph Theuma, President tal-Għaqda Piroteknika li n-namra tiegħu man-nar bdiet b'dan il-metodu. Oħrajn sostnew miegħi li taħdem in-nar tagħtik sens ta' kunfidenza fik innifsek. Peress li hu xogħol perikoluż, sħabhom iħarsu lejhom b'ċerta rispett. Filwaqt li kemm irġiel kif ukoll n-nisa jieħdu sehem fil-varji aspetti tal-festa, in-nar hu dominat mill-irġiel.

Għall-eluf li jżuru l-festi kull sena n-nar jilgħab element importanti minn kull festa. Anke d-DVDs tal-festi jiddedikaw proporzjon kbir għan-nar. Dak tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju għas-sena 2006 pereżempju fih 198 minuta li minnhom 113 (jew 57 fil-mija) hu dedikat għal-intervisti u filmati marbuta man-nar.

## Periklu u Storbju

Il-manifattura tan-nar hi ta' periklu kbir. Bejn l-1980 u l-2010 ħamsa u sebgħin persuna mietu f'Malta u Għawdex b'dan id-delizzju – rata ta' 2.4 mwiet fis-sena.[3] Fl-2010 għaxar persuni mietu bin-nar. Ir-rata medja ta' 14.8 inċident kull miljun persuna hi waħda mill-ogħla fil-Mediterran.[4] Aktar minn hekk, 19 fil-mija tal-persuni korruti jew mejta bin-nar kellhom sittax-il sena jew anqas.[5]

---

[2] Matul it-tmint ijiem tal-festa massimu ta' seba' sigħat ħruq ta' nar tal-ajru hu permess. Id-dijametru tal-murtali ma jistax ikun aktar minn 15-il ċentimetru (uħud kellhom dijametru ta' 25 ċentimetru) u n-nar tal-art irid jispiċċa sas-1 ta' filgħodu (Legal Notice 243, 1998). Fl-2010 saru restrizzjonijiet governattivi oħra li naqqsu d-dijametru tal-murtal minn 15 għal 12-il ċentimetru.

[3] Bartolo, E. 2010. 'Highest number of deaths by fireworks in the last 30 years'. MaltaToday. *http://www.maltatoday.com.mty/print/3548.*

[4] Kummissjoni Ambjent (2006) *L-Impatt Ambjentali tal-Festi Maltin*. Malta: Kummissjoni Ambjent, Arċidjoċesi ta' Malta., p. 3.

[5] Kważi tmintax fil-mija ta' dawn l-inċidenti kienu marbuta mal-ħażna jew manifattura illegali tan-nar, u 56 fil-mija ġraw matul il-preparamenti tan-nar fil-kamra, filwaqt li 4 fil-mija biss ġraw waqt il-ħruq. Nies irresponsabbli li jħufu fil-kamra fil-ġranet ta' qabel il-festa wkoll joħolqu diversi riskji.

L-infurzar strett tar-regolamenti tan-nar dejjem kien ta' uġigħ ta' ras. Il-murtali faċli jiġu sparati minn għelieqi remoti fl-irħula. Fl-1961 pulizija stazzjonat fir-raħal ta' Ħal Kirkop qalli li xi ħadd kien infurmahom biex ma jindaħlux għaliex il-kanen tal-murtali jistgħu 'aċċidentalment jitmejlu' u jweġġgħu lil min ikun fil-viċinanzi. Fl-istess żmien Dun Benny Tonna, li aktar tard sar Monsinjur u Arċipriet tar-Rabat qalli li kien sema' li dilettanti tan-nar fir-Rabat kienu armaw trakk mimli ramel bil-kanen fih sabiex iduru mar-Rabat u jaħarqu n-nar mill-madwar.

Sors ta' korriment hu l-element tal-kulur kemm fin-nar tal-ajru u kemm f'dak innovattiv tal-art. It-taħlit tal-kimika hu proċess instabbli ferm. Minkejja l-faxxinu u popolarità ta' spettakli kuluriti kemm tal-ajru kemm tal-arti, jidher li l-Malti għandu faxxinu speċjali għal nar li jagħmel l-istorbju. Din kienet il-konklużjoni ta' studju li sar bejn 1996 u 1998 qalb 23 kamra tan-nar.[6] Din il-preferenza ta' storbju fuq sbuħija estetika hi sors ta' irritazzjoni u toħloq ċertu tensjoni soċjali. Għalkemm ħafna mill-ħoss tan-nar hi anqas minn dak li jista' jikkawża ħsara lis-saħħa tal-bniedem, kien hemm każi meta dawn il-livelli nqabżu. Uħud mill-murtali, bombi u kaxxa infernali li jinħarqu fil-ħruġ, transalazzjoni u lejliet u nhar il-festa joħolqu impatt ta' ħoss qawwi bżżejjed (120-130 DBA) li jistgħu jagħmlu ħsara fis-smigħ.[7]



*Jeremy Boissevain iżomm murtal flimkien ma' mgħallem tan-nar Koppi fis-snin sittin*

L-aktar li jistgħu isofru mhumiex l-abitanti tal-madwar iżda aktar l-istess nies li jkunu fl-għalqa jaħarqu n-nar, u dawk li qishom mejda tal-qubbajt, isegwu n-nar kemm tal-art kif ukoll tal-ajru f'kull festa. Hemm kategoriji ta' nies li huma vulnerabbli bħal nisa tqal, tfal żgħar u trabi, l-anzjani u xi annimali. Il-Kummissjoni Djoċesana dwar l-Ambjent innutat ukoll li l-impatt qawwi tan-nar jista' jagħmel ħsara lil pitturi u dekorazzjonijiet fil-knejjes. Tgħid ukoll li l-madwar 200 tunellata ta' kimika tan-nar li tinħaraq kull sena tista' wkoll toħloq effetti tossiċi li wieħed irid jistudja. F'dan ir-rigward il-ġiġġifogu hu partikulari. Mhux darba jew tnejn li jiena wkoll iffurmajt parti mill-folla ftit metri biss bogħod mill-irdieden jiffurmaw disinji b'kuluri fantastiċi u ħsejjes li jtarrxu, filwaqt li lkoll ninksew b'foga li ma tħallikx tara u duħħan li jifgak.

F'tentattiv sabiex jikkontrolla l-esaġerazzjoni u l-inċidenti tan-nar, il-gvern kemm fl-1998 u anke fl-2010 għamel kontrolli fuq id-daqs tan-nar u anke l-ħinijiet tal-ħruq. Il-knisja wkoll ilha snin imħassba dwar ċerta esaġerazzjonijiet fil-festi. Fl-1935 għamlet

---

[6] Bondin, M. (1999) The Feasibility of Setting up a Fireworks Factory. Teżi mhux pubblikata tal-BA (Hons) Accountancy. Università ta' Malta.

[7] Tandon 2003 f'*Kummissjoni Ambjent* 2006, p. 5.

serje ta' regolamenti biex trażżan il-festi sekondarji.[8] Fl-2002, l-Arċisqof ħareġ digriet ieħor biex jillimita l-festi esterni u sabiex iġib lura d-dekor u jnaqqas il-pika. Ħafna minn dawn però ġew injorati. Fl-2006 il-Kummissjoni Ambjent tal-Knisja ippubblikat studju dwar l-effett tal-impatt tal-ħoss u skart tossiku li n-nar jista' jiġġenera.

Aktar tard, sabiex tirrestawra id-dimensjoni reliġjuża tal-festa u tnaqqas il-pika, fl-2009 il-Kurja ħarġet sett ta' regoli aktar stretti biex tikkontrolla l-kompetizzjoni: imponiet kodiċi ta' lbies, ordnat li tieqaf kull attitudni mhux xierqa fil-marċi – l-aktar f'dak ta' filgħodu – u pprojbiet is-sorpriżi u kwalunkwe żjieda fl-armar ta' barra wara s-sena 2013.[9] Dawn il-proposti qajjmu kjass sħiħ u kif nista' nifhem, għadhom qed ikunu diskussi.[10]

## In-nar bħala timbru soċjali

In-nar hu wkoll fattur ta' distinzjoni soċjali. Bla dubju hu perikuluż u storbjuż. Il-ħoss jinvadi s-sensi, però hu wkoll parti mill-kultura Maltija. Jaqsam ukoll il-pajjiż bejn dawk li jħobbuh u dawk li jobogħduh. Iż-żewġ gruppi ma jħalluhiex lixxa lil xulxin.

Matul l-istaġun tal-festa l-gazzetti bl-Ingliż, l-aktar *The Times* ikollha diversi ittri, u editorjali jgergru kontra l-ħsejjes. Dan ilu sejjer hekk żgur sa minn meta jiena kelli l-ewwel kuntatt ma Malta fl-1956. Ftit kienu r-risposti sodi lejn din il-kritika u nħoss li hemm żewġ raġunijiet għal dan. L-ewwel raġuni hi li ħafna minn dawk li telgħu fil-kultura tan-nar l-aktar fin-nofsinhar ta' Malta mhux dejjem huma konxji ta' dak li jkun qed jinkiteb fil-gazzetti bl-Ingliż. Eżempju klassiku hu li ġewwa Ħal Kirkop fl-2004 l-ebda gazzetta bl-Ingliż ma kienet tinbiegħ. Il-gazzetti bil-Malti huma eqreb lejn dak li qed jiġri fil-ħajja tal-irħula tagħna u l-kultura tan-nar.

It-*Times (of Malta)* hi l-aktar gazzetta preġudikata favur dawk li jgergru kontra n-nar u dawk li japprezzaw in-nar. Il-każ li ser insemmi dwar kif kien rapportat inċident fatali f'Ħal Kirkop fl-1992 hu prova ta' dan il-preġudizzju.

Fl-1 ta' Ġunju 1992 *The Times* ġabet storja tal-isplużjoni f'kaxxa żgħira fil-faċċata b'rapport ta' 160 kelma. Fl-istess jum l-Orizzont ħabbar l-inċident b'titli kbar fuq quddiem, ritratt tal-kamra li taret u storja ta' 4000 kelma li ksiet tliet kwarti tal-paġna ta' quddiem u parti mill-paġna ta' warajha. Tliet ġimgħat wara, b'referenza għal dak li ġara f'Ħal Kirkop u wkoll il-mewt li seħħet fil-15 ta' Ġunju f'Ħaż Żebbuġ fl-istess żmien ippubbikat karikatura ta' raġel jisplodi, b'imsarnu jinfaqgħu qalb in-nar u titjir ta' stilla.[11] Magħha kien hemm poeżija li tgħid:

---

[8] Dawn stipulaw li għal festi sekondarji m'għandux ikun hemm Transulazzjoni tar-Relikwija lejliet il-festa u li l-knisja biss u l-pjazza jistgħu jiġu mixgħula kif ukoll li banda waħda biss lejliet u oħra nhar jkunu permessi. Barra trażżin fin-nar kien hemm ukoll d-direzzjoni li kull xogħol ta' arti introdott fil-knisja għal festa sekondarja għandu jkun anqas ta' preġju u spiża minn dak tat-titular. (Concilium Regionale. 1935. *Decreta* (Malta: Empire Press, 1936, p. 91).

[9] Archdiocese of Malta. 2009. *Nirrestawraw il-Festi Flimkien*.

[10] Ara eżempji f'*Times of Malta*, 5 u 6 ta' Ottubru 2009.

[11] *The Sunday Times*, 21 ta' Ġunju 1992, p. 11.

IT'S FESTA TIME AGAIN
Such fun to see the petards
*As they light up the sky,*
*And hear our babies screaming,*
*And watch our young men die.*
*What joy to make oblation*
*As pagans did of yore ...*
*Perhaps the tragic mother*
*Stands proud in her son's gore!*

Irrabjat bl-insensittività tal-kummentarju, jiena ktibt ittra lill-editur li ġiet ppubblikata ġimgħa wara b'kumment editorjali magħha.[12]

*Sinjur, għal darba oħra l-ġurnal tiegħek reġa' wera l-preġudizzju ta' klassi u l-injoranza grassa fejn jidħlu l-valuri tal-qarrejja, li jikkostitwixxu l-maġġoranza f'dan il-pajjiż. ... Li tissuġġerixxi li l-omm ta ... xi vittma tan-nar 'perhaps... stands proud in her son's gore' hu disgustanti. Inħoss li dan jitlob apoloġija minnek lill-familjari tal-vittmi u lill-qarrejja aktar intelliġenti tiegħek.*

*Naxxar* *J. BOISSEVAIN*[13]

Nota Editorjali: ... Il-karikatura ta' nhar il-Ħadd kienet intiża li tiġbed l-attenzjoni għal mentalità li – minkejja diversi traġedji simili – tibqa tippersiti, u mhux biex titfa' xi dell fuq il-familjari taż-żewġ vittmi. Jekk b'xi mod tajna din l-impressjoni, jiddispjaċina ta' dan. Minkejja dan, ma' nistgħux nifhmu fejn jidħlu 'l-preġudizzju klassista' jew 'l-injoranza tal-valuri'.[14]

Jien ma erġajtx weġibt lil editor però l-effett li xtaqt intlaħaq – dak li nipprovoka lil dawk li jħobbu n-nar li jqumu minn hemm u jiktbu. Persuna minn post lejn in-nofsinhar ta' Malta kitbet ittra li kien fiha l-ħsieb u anke argumenti sodi.

Sinjur – ningħaqad mal-Professur Jeremy Boissevain ... fir-rabja tiegħu dwar il-karikatura li ppubblikajtu ... L-aktar li ssorprendieni kienet in-nota editorjali ... Ma nafx meta l-ġurnal tagħkom ser jirrealizza li n-nar hu parti mill-kultura tagħna u li l-ħdim tan-nar mhu xejn għajr estensjoni tal-kultural ta' riskju komuni tant fi żmienna? Hi kontinwazzjoni ta' delizzji riskjużi bħat-tlielaq tal-karozzi ... tixbit ma' muntanji, qbiż bil-*parachute*... u attivitajiet oħra simili.

---

[12] *The Sunday Times*, 28 ta' Ġunju, 1992.

[13] SIR- Once again your paper has displayed its class bias and its appalling ignorance of the values of its non-readers, who form the overwhelming majority in this country. ... To suggest that the mother of ... any fireworks victim "perhaps ... stands proud in her son's gore" is sick. You owe the bereaved families and your more intelligent readers an immediate apology. Naxxar - J. BOISSEVAIN

[14] *Editor's note: ...[The] cartoon last Sunday was intended to draw attention to a mentality which - despite these and similar tragedies - alas persists, and not to cast any reflection on the two victim's families. If any such impression was given, it is sincerely regretted. We wonder, however, where our "class bias" and "ignorance of values" comes in.*




*Il-karikatura li dehret fis-Sunday Times tal-21 ta' Ġunju 1992, p. 11.*

Il-karikatura tagħkom ippruvat tikkundanna attività riskjuża prattikata minn ċertu klassi ta' nies li ħafna minnhom qatt ma ħabblu rashom jixtru l-ġurnal tagħkom. Attivitajiet tant ieħor riskjużi però sponosorizzati minn sezzjonijiet wisq aktar b'saħħithom fis-socjetà qatt ma jiġu kundannati u ħafna drabi jiġu appoġġjati.

Dak li l-ġurnal tiegħek ma jistax jifhem hu li meta tippruvaw toħolqu antipatija lejn in-nar tkunu qed toffendu l-eluf ta' Maltin u turisti li jiffullaw fil-festi u l-oħrajn li jimlew l-irħula tal-madwar bil-karozzi biex isegwu spettakli mill-isbaħ.

Jalla l-Mulej iżomm idejh fuq dawk li jaħdmu n-nar u jċaqlaq lill-Gvern sabiex jipprovdi tagħlim u jgħinom filwaqt li jinforza l-liġi.[15]

[15] *SIR - I would like to join Professor Jeremy Boissevain ... in his anger at your cartoon...What surprised me was the editorial note. ...When is your paper going to realise that fireworks are part of our culture and fireworks-manufacturing is an extension of "risk" culture so prevalent in our times? It is a continuation of the risk-oriented car racing, ... mountain-climbing, parachute free-falling ... activities. Your cartoon tried to condemn a "risk" activity undertaken by a certain class which most probably never bothered to buy your paper. Other "risk" activities, sponsored and financed by an influential section of society, are never condemned but very often lauded.... What your paper never realised is that trying to impose a certain antipathy to fireworks offends the thousands of Maltese and tourists who flock to the village festi and others who surround these villages with their cars waiting for a wonderful spectacle. May God help the fireworks manufacturers and move Government to teach and help them more effectively and enforce the law.*
Tarxien -J.L. VELLA

It-tieni raġuni li minħabba fiha ftit jiktbu favur in-nar fil-gazzetti bl-Ingliż hu li l-livell ta' Ingliż f'ħafna mill-irħula li jeċċellaw fin-nar mhux biżżejjed sofistikat biex ilaħħaq mal-argumenti ta' dawk li huma kontra. Ovvjament hemm eċċezzjonijiet għal dan u s-sitwazzjoni qed tinbidel ma kull jum li jgħaddi. Iżda l-*pattern* qiegħed hemm. Mhiex biss kwistjoni tal-ħames sensi, però wkoll ta' klassi soċjali. Ħafna minn nies minn nofisnhar ta' Malta li l-irħula tagħhom jeċċellaw fil-manifattura tan-nar ħadu l-edukazzjoni tagħhom fi skejjel tal-gvern fejn it-tagħlim isir bil-Malti filwaqt li anke fi djarhom jitkellmu bil-Malti. B'kuntrast dawk li ġejjin minn naħa ta' fuq ta' Malta l-fuq mil-linja Furjana – Rabat jinkludu ammonti akbar ta' professjonisti u familji tat-tajjeb li ġew edukati fi skejjel privati jew tal-knisja u li trabbew ikellmu lill-uliedhom u ħafna drabi lil xulxin bl-Ingliż.[16]

Il-pożizzjoni li ħafna nies jieħdu dwar in-nar hi martbuta ferm mal-kalssi. Nikkwota lil espert tan-nar Joseph Theuma mill-ġdid:

> Festi *belong to the people,* il-poplu. *Especially the southern villages have a great firework tradition. Villages in the North have fewer factories and so many must buy their fireworks. Stella Maris spends about Lm7000 [Eur16,300] on fireworks. This is collected from working class persons - not from* sinjuri *[wealthy persons].*'

L-attitudi negattiva lejn in-nar fl-ittri fil-gazzetti għandha doża ta' preġudizzju ġeografiku u ta' ġlieda ta' klassi. Bejn Marzu u Ġunju 1965 u matul Awwissu 1967 ġbart 34 cutting minn the *(Sunday) Times of Malta* dwar in-nar. Tliet kwarti minnhom (26) kienu miktuba minn nies min-naħa ta' fuq ta' Malta. Minn dawn 22 kienu kontra n-nar. Huma jmaqdru lil dawk li jħobbu n-nar u jużaw lingwa degradanti u abbużiva u li turi biċ-ċar li huma jħossuhom superjuri, aktar edukati u nfurmati minn dawk li jaqblu man-nar. Ejja nisimgħu uħud minnhom:

> '*Educated people* in Malta do not *enjoy stupefying themselves* with bombs and petards' (E.B., Valletta, 24 April, 1965);
>
> 'How *nonsensical* it is to spend all that money on smoke!!!!' (Veteran, Floriana, 22 August, 1967);
>
> '*Mindless* lovers of loud bangs' (R.B., St. Julian's, 28 August, 1967);
>
> '*Hitlerian* way of thinking' (J.P.V., Birkirkara, 28 August, 1967);
>
> 'The minority of *ignorant people* who have *no feelings* for the sick, aged, children or animals' (Citizen of Malta, Hamrun, 28 august, 1967).

---

[16] Għal diskussjoni dwar il-prestiġju soċjali ta' diversi żoni residenzjali f'Malta ara Boswell, D.M. (1994) The Social Prestige of Residential Areas. In: R.D. Sultana and G. Baldacchino (eds.), *Maltese Society. A Sociological Inquiry.* Malta: Mireva Publications. pp. 133-161.



*Imgħallmin tan-nar jippużaw man-nar tal-ajru*

## Konklużjoni

L-impatt li jħallu l-kuluri, folol, briju, irwejjaħ, mużika, għajjat u splużjonijiet fuq is-sensi jiddependu ħafna mir-rwol tal-parteċipant, jekk hux parruċċan jew viżitatur, Malti jew turist, partiċipant attiv jew osservatur, mir-raħal jew mill-belt, jaħdem in-nar, jew idoqq il-banda, qassis jew lajk, Kattoliku jew Protestant, saċerdot fil-parroċċa jew fil-Kurja. B'metodi differenti, kollha huma effettwati. Il-ħoss tal-festa hu interessanti ferm. Huma marki soċjali u għan-nies tal-irħula kull tip ta' nar, mill-musketterija għal-kaxxa infernali, l-bomba tas-salut u l-ġiġġifogu, huma affarijiet familjari u komponenti essenzjali fil-festa. Iżda ħafna minn dawk li jqisu ruħhom elitisti u jitkellmu bl-ingliż iqisu dan kollu bħala metodi aggressivi u intrużjoni barbara, theddida li ġejja minn nies mhux edukati, injoranti u bla ħsieb. riżultat tal-insensittività tal-klassi tal-ħaddiema. Ħafna jsejjħu l-festi bħala 'manisfestazzjonijiet pagani'.

Il-ħoss u sbuħija tan-nar, l-oriġinalità fl-armar u l-briju fit-toroq maħluq minn numru dejjem jikber ta' żgħażagħ nisa u rġiel li qed jidħlu għall-organizzar tal-festi huma xhieda tad-devozzjoni tagħhom lejn il-qaddis patrun tagħhom u l-każin li għalih jiddedikaw tant sigħat twal ta' ħidma volontarja. Id-diversi regoli li l-awtoritajiet qed jippruvaw idaħħlu biex inaqqsu l-pika u jagħmlu l-purċissjoni aktar dekoruża, jekk iseħħu, jistgħu jnaqqru ferm mill-ispirtu kompetittiv u s-sodisfazzjoni li dawn in-nies jieħdu mill-ħidma tagħhom b'risq il-festa tal-qaddis tagħhom. Għadu jberren f'moħħi l-kliem ta' qassis Ġiżwita rtirat u li jiena kont nirrispetta ferm għall-intelliġenza tiegħu waqt li konna qed naraw il-marċ ta' filgħodu fin-Naxxar: "Dan hu l-unika rabta li ħafna miż-żgħażagħ għandhom mal-knisja llum. Neħħi dan u anke dik ir-rabta tispiċċa".

# Abstract

During the past fifty years the scale of external celebrations of *festi* has increased markedly. The number of band clubs - the driving force behind the celebrations - has nearly doubled. The celebrations last longer, the decorations are more elaborate, there are more rowdy band marches and there are more varied, colourful and noisier fireworks. This escalation is driven by the endemic parochial rivalry and competition *(pika)* between band clubs. It is financially enabled by the rising national prosperity. Technically and media savvy young men and women are increasingly shouldering responsibility for planning, organizing and promoting the celebrations. The external *festa* celebrations continue to irritate the church authorities and the ever-louder fireworks infuriate the urbanized middle class. But noisy, rowdy and colourful *festi* are not just joyful celebrations. They express a deeply felt social and geographical identity and, as well, are a statement to parochial rivals and middle class suburbanites, that "Yes we are here".




## Nota Bijografika

Jeremy Boissevain hu Professur Emeritu tal-Università ta' Amsterdam. Bejn l-1953-58 huwa mexxa l-programmi CARE ġewwa l-Filippini, il-Ġappun, l-Indja, u Malta. Fl-1962 ingħata dottorat fl-antropoloġija soċjali mill-London School of Economics. Għallem ġewwa l-Universitajiet ta' Montreal, Sussex u Amsterdam. L-istudji tiegħu ġewwa Malta, Sqallija, Montreal u Amsterdam iffukaw fuq il-politika lokali, relazzjonijiet etniċi, intrapriżi żgħar, bidla fir-ritwali, u l-impatt tat-turiżmu u l-oġġezzjonijiet ambjentalistiċi. Fost il-pubblikazzjonijiet tiegħu insibu *Saints and Fireworks: Religion and Politics in Rural Malta* (1965, 1993); *The Italians of Montreal: Social Adjustment in a Plural Society* (1970); *Friends of Friends: Networks, Manipulators and Coalitions* (1974); *Ħal Kirkop: A Maltese Village* (2006). Hu koeditur ta' *Beyond the Community: Social Process in Europe* (1975); *Revitalizing European Rituals* (1992); *Coping with Tourists: European Reactions to Mass Tourism* (1996); *Contesting the Foreshore: Tourism, Society, and Politics on the Coast* (2004). *Fl-2003 il-Kunsill Malta għal-Kultura u l-Arti tah il-Premju Għarfien Kulturali u fl-2009 il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop onorah bil-premju Merit of Kirkop għal-ħidma volontarja tiegħu qalb il-Koppin.*

# Interventi, kummenti u domandi

## Intervent ta' Noel Galea – Sindku tal-Imqabba

L-ewwel nett kienet inizjattiva tajba u ta' min wieħed ifaħħar u ta' min wieħed isegwi. Hija xi ħaġa importanti li llum qegħdin niddiskutu f'dan is-seminar, imsemmi Il-Festi, Kultura u Identità, meta mbagħad fuq il-panel għandek rappreżentanza daqshekk tajba, rappreżentanza daqshekk wiesgħa, fejn kelna paper mis-Sinjorina Cassar flimkien ma' Dr Mark Anthony Falzon, Dr Vicki Ann Cremona u issa fl-aħħar il-Professur Jeremy Bossevain. Jiena qagħad niġbor naqra waqt li smajt tajjeb dak kollu li ntqal dalgħodu, il-fulcrum tad-diskussjoni kienet in-nar. Però mhux in-nar biss, kien hemm elementi oħra marbuta, però nqis illi n-nar kienet it-tema prinċipali. Dak kollu l-intqal mit-tliet kelliema, u anke milli għidt inti Charles, hija verità, u qed ngħid li hija verità għax jiena personalment esperjenzajta. Kull min jafna mill-Imqabba, jiena għamilt żmien attiv fil-festa fl-Imqabba, esperjenzajt l-element tal-banda meta kont żgħir, għamilt kważi ħmistax-il sena naħdem in-nar ukoll, allura nista' nitkellem b'mod tanġibbli, meta titkellem fuq in-nar. Illum qed nara l-festi minn naħa ta' barra, minn naħa tas-sens politika għax illum qiegħed fil-Kunsill Lokali, però hija verità dak kollu li ntqal u dak kollu li kull kelliem semma' b'tant dedikazzjoni kull ħaġa marbuta mal-festi tagħna. Is-soltu meta nisimgħu l-festi nitkellmu fuq il-marċi, fuq il-brijju, fuq dak kollu organizzat mal-festi, però dawn id-dettalji naħseb ftit minna qatt tajna kashom fis-sens li taw kashom il-kelliema tal-panel illum. Jekk semmew il-qniepen, jekk semmew il-ħoss tan-nar marbut ma' kull fażi tal-festa, hekk kif semma tajjeb il-Professur Bossevain, il-kritika li ssir, jiena ngħid, ħafna drabi inġustament kontra l-festi. Però, kultant ċertu affarijiet inħalluhom jiġu fuqna. Jekk aħna m'aħniex ħa naħdmu b'għaqal, u hawnhekk nagħmel aċċenn għal dak li għidt inti fil-bidu, Charles, aħna ma ġejniex hawn biex nikkuraw il-festi għax il-festi mhumiex morda, anzi l-festi huma b'saħħithom ħafna, imma ġejna hawn biex filwaqt li nożżu dak li għndna sal-lum, inħarsu l-quddiem għal aktar snin ta' festi b'kultura u identità. U meta kont qed ngħid, jekk ma nagħtux kas dawn jistgħu jonqsu, nagħmel aċċenn għal li qal il-Professur Bossevain. Il-kritika li jkun hemm ftit minnha hemm bżonn nindirizzawa, mhux billi ngħidu dak ma jifhimx, jew dik ma tifhimx, però l-kritika qiegħda hemm, u l-kritika saret u kritika inġusta jkun hemm ħafna bħal dawk l-artikli, kull wieħed u waħda minna jaqra minnhom. Ikun hemm artikli li huma fil-verità, però jkun hemm artikli li mhumiex daqshekk ġusti. Allura aħna rridu, u meta ngħid aħna mhux jiena jew il-presidenti tal-każini, qed ngħid aħna li nħobbu l-kultura u l-identità tal-festi. Aħna rridu li nindirizzaw dik il-kritika inġusta u nindirizzawa mhux biss billi niktbu ħalli nagħmlu l-kontrokritika imma billi nħarsu lejna, aħna li norganizzaw il-festi u fejn hemm element li nistgħu nikkoreġuh jew nistgħu, kif qalu tajjeb ukoll, nimodernizzawh, fl-istess ħin imma nibqgħu marbuta mal-kultura u l-identità propja ta' kull festa, aħna nkunu qed nagħmlu l-ġid lill-festi tagħna. Nafu li hawn diversi elementi li fis-soċjetà jistennew anke l-inċident, bħal f'dik l-istampa li rajna ta' dik l-isplużjoni dik niftakara jien ukoll, dak iż-żmien kont għadni naħdem in-nar jiena, u veru baqgħet impressjonata ġo fija, mhux għax

kif kienet impenġija, imma impressjonatni fis-sens li min għamilha ried jitfa dell ikrah fuq il-qasam tan-nar, ried jitfa dell ikrah fuq il-festa, għax il-festa mhix biss dik il-ħaġa għalkemm jiġru, però l-festa hija kollox. Il-festa hija l-kultura, l-identità u jekk tipermettuli wkoll inżid il-qdusija li hemm marbuta mal-festi propja. Jekk narfu naħdmu bil-għaqal, jiena persważ, u nagħmel aċċenn għal li hemm miktub fil-poster tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju 'lejn seklu ieħor ta' devozzjoni' mhux biss għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju, imma tal-festi tradizzjonali Maltin.

## Intervent ta' Ignatius Farrugia

Prosit lill-Kumitat ta' din l-organizzazzjoni hawnhekk, għax hija xi ħaġa għall-ewwel darba li saret ġo Malta. Ħaqqhom prosit ukoll il-PRO għal kemm ħadem biex kien hawn dil-konferenza kollha. Jiena nagħti prosit ukoll 'il *panel*, lilek Charles, bniedem intelliġenti immens u Imqabbi illi kellek il-ħila wkoll issib lil dawn l-esperti. Laqtitni ħafna l-*paper* ta' Christine meta semmiet li għalkemm hi mhijiex midħla tal-festi studjat nies illi jħobbu l-festi. U hekk għandu jkun u prosit Christine. Jiena mmur daqsxejn 'il bogħod lejn il-Kurja u dan l-aħħar qed jinbena kumitat minn erba' qassisin u Monsinjur illi sfortunatament ma tantx huma midħla tal-festi, jew inkella ma jħobbux il-festi jew ma ħadux pariri; Għaliex għandu jkun dan? Nies bħal Christine, li għalkemm mhix intiża fil-festi u ma trabbietx fl-ambjent tal-festi bħalma trabbejt forsi jiena u ħafna oħrajn bħali hawnhekk, studjat u saqsiet xi nħossu aħna, kemm sagrifiċċju nagħmlu u kemm ġranet, xhur għal dik il-ġimgħa festa illi nagħmlu aħna. Christine wkoll semmiet illi għalkemm mhix qariba ta' persuna illi miet b'kamra tan-nar, attendiet il-funeral ta' persuna li miet biex tkun taf xi jħossu l-qraba. U jiena hawnhekk insaqsi wkoll li ħasra li d-diriġenti tal-Kurja ma ġewx hawn illum għal dan is-seminar. Ħaġa oħra illi rrid ngħid, illum il-ġurnata l-każini tal-baned tagħna, m'għadhomx *just* għax mort il-każin ħela ta' ħin, anzi, huma, bħal ma semmew ukoll il-panel, skola ta' mużika, skola ta' arti, isiru ħafna drama, isiru ħafna attivitajiet ġo fihom. Għalhekk, sinjuri ġenituri, 'l uliedkom ħeġġuhom jattendu l-każin, għax illum il-każini ta' Malta kollha saru ċentru ta' kultura.

## Intervent ta' Patri Adrijanu Cachia – direttur spiritwali tal-każin tal-Ġilju

Jiena bħala direttur spirtiwali ta' diversi każini tal-banda qiegħed hawn għax għalkemm hu seminar lajk, però, l-isfond reliġjuż qiegħed hemm bilfors u niġi mal-ewwel għal dak li għedt fuqi Sur Charles Farrugia, li jiena nħobb ngħid illi l-festi tagħna jibdew fil-knisja u jispiċċaw fil-knisja. Hekk għandu jkun, però, inżid ħaġa oħra li nħobb ngħid, il-festi tagħna ħolqithom il-knisja. Ma tistax il-knisja tiddistanzja ruħha minnhom. Kien hawn pajjiżi viċin, l-Italja, meta wara l-gwerra l-knisja ddistanzjat ruħha. Flok il-festi daħlu elementi oħra, mhux sa nidħol f'dawk il-partikolaritajiet. Il-knisja, anzi, għandha tħossa tant responsabbli illi tifhem illi postha qiegħda hemm f'dak kollu. Jiena forsi ħafna jħarsu lejja, *I am one of the dying race* ta, jiġifieri, jiena t-tip bħali llum

mhux qed ikun hemm forsi tilgħin, tiela' xi wieħed minna l-Franġiskani, mill-ambjent tagħna tar-Rabat u tas-Sliema, is-Sacro Cuor speċjalment fejn għandna elementi qawwijin, li nieħdu u nipparteċipaw u naħdmu ħa nżommu dak li hu tajjeb u nsaffu, kif jgħidu. Jiena miniex nikkritika l-Kurja. Kollha nħobbhom ta' Franġiskan li jien, imma nifttħilhom għajnejhom, *it's an eye opener*. Ma niddistanzjawx ruħna mill-knisja, nibda mill-Arċisqof sa l-inqas wieħed li hemm fil-kleru, għax ma nistgħux naffordjaw. Il-poplu maħniex sa nikkonvertuh minn fuq il-pulptu llum biss. Il-pulptu importanti, imma isfel fit-triq, fit-triq ħa nikkonvertu aħna. Qed ngħid hekk għax inħoss. Prosit lil organiżaturi. Tagħmlu affarijiet bi klassi. Nieħu pjaċir. Jien qiegħed Direttur Spiritwali fi tmien każini mxerrdin ma' Malta u jekk jgħiduli ma ngħid le lil ħadd u nsib ħin għal kullħadd, għax nemmen f'dan li qed ngħid jien. Kristu ssallab, bil-ġisem tiegħu ta' bniedem. Kieku ma kellux dak il-ġisem kieku m'għamel xejn. Dan hu l-ġisem tagħna aħna, ġisem Nisrani, identità Nisranija u kultura Nisranija.

## Intervent mill-panel minn Dr Vicki Ann Cremona

Jiena naħseb illi waħda mill-elementi fundamentali li qiegħda toħroġ anke fil-kummenti tat-tliet persuni li tkellmu hija l-problema ta' kontroll. U hawnhekk irridu nippruvaw nifhmu u nqegħduha f'kuntest nazzjonali ikbar. Għaliex il-problema ta' kontroll tidħol f'ħafna affarijiet f'Malta, speċjalment fuq livell reliġjuż u politiku. Jiġifieri meta aħna qegħdin nitkellmu fuq min qiegħed jikkontrolla il-festa, irridu nitkellmu fuq liema aspett tal-festa qegħdin niddiskutu. Għaliex? Għaliex il-festa hija propjament il-qofol fejn il-knisja u s-soċjetà jiġu flimkien. Miġbura flimkien fin-nom ta' qaddis. Però, il-fatt huwa li dawn l-elementi li huma ż-żewġ aspetti tal-festa, jekk aħna noħduhom fuq livell wieħed, huma elementi differenti ħafna, fis-sens li l-komunità, il-festa għaliha importanti għax qiegħda tiċċelebra lilha nnifisa. Permezz ta' din ċ-ċelebrazzjoni, qiegħda tqawwi lilha nnifisha, għax qiegħda taraf lilha nnifisha bħala komunità u b'hekk tatiha saħħa ġdida, impetu ġdid. Fuq il-livell ta' knisja, qabel kienet ukoll mod kif il-komunità tidħol fil-knisja biex targa qisha tinforza l-fatt li hi parti minn dik il-knisja u dik il-knisja hija parti mill-identità ta' dik il-komunità. Il-problema hawnhekk issir wieħed ta' kontroll u Malta, sfortunatament, f'ħafna oqsma, meta nibdew nitkellmu fuq kontroll immorru f'estrem, minn estrem għal ieħor, ċjoe, l-ewwel ħaġa meta aħna nitkellmu fuq element ta' kontroll, naħseb li l-importanti l-ewwel ħaġa hija d-diskussjoni man-nies li jagħmlu dawn l-affarijiet, jiġifieri, fuq livell akademiku dak huwa parti mill-metodoloġija tagħna li inti ma tistax tikteb *paper* jew tagħmel riċerka jekk ma tmurx tkellem in-nies li jaħdmu f'dak il-qasam. Però, jiena personalment m'iniex qiegħda ngħix Malta bħalissa għax qiegħda nirrappreżenta 'l Malta barra, jiġifieri ma nistax nitkellem fuq komunitajiet jew affarijet li qegħdin isiru fil-Kurja jew min qiegħed fihom għax ma nafx. Però jekk veru hawn grupp ta' saċerdoti li qegħdin jiddeċiedu mingħajr ma jintaqgħu wkoll man-nies li qegħdin jagħmlu l-festa naħseb li dan huwa żball li jirrepeti ruħu f'ħafna oqsma f'Malta, mhux biss fuq il-livell ta' festa. Element ieħor fuq livell ta' kontroll huwa, li l-kontroll sa ċertu punt iġib poter. Issa f'komunità żgħira, u f'komunità kbira wkoll, il-poter huwa element importanti u jiena naħseb li f'Malta u Għawdex l-element ta' poter huwa mdaħħal ħafna fis-sens kwotidjan tagħna.

Ċjoè aħna, pereżempju, wieħed mill-iktar pajjiżi li jiena naf li nitkellmu li l-politika hija element ta' diskussjoni kwotidjana tagħna. Aħna nitkellmu fuq il-politika kuljum u f'kull kuntest, anke f'kuntesti li wieħed mhux neċessarjament jassoċċjahom mal-politika. Jiġifieri, element ta' kontroll u element ta' poter huma t-temi li jiddominaw sa ċertu pont fil-ħajja kwotidjana tagħna. L-importanti, hu naħseb li hawnhekk irridu nagħmlu forsi, sa ċertu pont, forsi nitfgħu dawl ieħor fuq id-diskussjonijiet tagħna huwa li dan l-element irid idaħħal element ieħor, li huwa element ta' dak li jagħmel, ta' azzjoni. Iktar minn kontroll ukoll, l-element t'azzjoni li qiegħda ssir narawha fil-kuntest tal-azzjoni biss ukoll u mhux nippruvaw noħorġuha f'kuntest ieħor li huwa l-kuntest ta' min qiegħed jikkontrolla dik l-azzjoni, imma nistudjaw l-azzjoni fiha nfusa u għalhekk ikunu nistgħu nibdew naraw kif din tista' tikber jew tieħu xejra oħra u tiżviluppa billi qiesna niffukaw fuqha biss. Naħseb li huwa importanti li ma nidħlux biss fiċ-ċrieki ta' kontroll, imma niefqu fiċ-ċrieki ta' azzjoni.

## Intervent mill-panel minn Christine M. Cassar

Naħseb l-ewwel ħaġa li kelli nagħmel jien u iktar b'mod li kif taħseb fiha, u naħseb din id-diskussjoni għandha bżonn ħafna iktar minn dan l-elment, hu li tieqaf tħares lejk bħala jien bħala r-riċerkatur jew riċerkatriċi u min jagħmel in-nar u min jorganizza l-festi tneħħi dik id-distinzjoni ta' qiesu 'aħna u huma'. Dik kienet l-ewwel pass li kelli nieħu jien imma kien pass li kelli nieħu tul ir-riċerka kollha. Dak li propja tpoġġi lilek innifsek fl-esperjenzi ta' nies differenti u hekk tifhem dak li qed jagħmlu u kif qed jagħmluh.

## Intervent minn Dr Godfrey Farrugia

Qabel xejn nixtieq nagħtikom proset vera mill-qalb. Qegħdin niddiskutu fuq livell akkademiku u hija xi ħaġa sabiħa. Is-soltu niddiskutu minn aspetti ħafna differenti u sa naqbad l-aħħar kontroll tal-Professoressa fuq il-kontroll. Jiena nemmen li qabelxejn il-festi għandhom għeruq Insara u minsuġa fihom hemm l-identità ta' nazzjon Malti u din nemminha daqskemm jien inħossni bħala prodott mill-festi. Allura meta niġu għall-kontroll tal-festi, importanti li meta nitkellmu, niddjalogaw flimkien, irridu inqisu ruħna ilkoll rappreżentanti, huma min huma, bħala msieħba. Ħadd m'għandu xi awtorità fuq ħadd. U b'hekk biss naħseb li nistgħu naslu. It-tieni punt li huwa kardinali u huwa importanti, illum l-edukazzjoni, għandha tkun l-għodda li biha nikkoreġu fejn ikun hemm skorettezza. Billi nimponu u noħolqu regoli u linji dixiplinari mhux sa naslu. Irrid ukoll inqajjem xi punti żgħar jien, li forsi ħadnihom *for granted* waqt id-diskussjonijiet. Waħda minnhom huma l-każini, l-għaqdiet tan-nar u l-għaqdiet tal-armar. Dawn llum huma *NGOs* u anke rikonoxxuti mill-istat. Fihom kif intom esponejtu l-akbar parteċipazzjoni ġejja mill-klassi tal-ħaddiem iktar minn ħaġ'oħra hemm ċertu soċjetà li tmur, tersaq iktar lejhom. U dawn l-*NGOs* huma mibnija fuq il-volontarjat, fuq is-sens ċiviku. U dawn huma l-pilastri ta' dawn l-*NGOs*, il-volontarjat u s-sens ċiviku. U hawnhekk ma qegħdiex nitkellmu, ħa jkolli nagħmel il-kuntrast għax issemma', ma dawk il-klassijiet li jistmerru l-festi. Hawnhekk qegħdn nitkellmu

fejn għandek il-qofol tas-soċjetà, li forsi ma tantx jaf jesprimi lilu nnifsu bl-lingwa Ingliża jew forsi ma jaqrax kollox bħala gazzetti bħalma ssemmew, imma fl-istess ħin il-patrijottiżmu fihom f'dak li għandu x'jaqsam is-sens ċiviku u il-volontarjat huwa minsuġ f'qalbom. U dan mhux fil-ġimgħa tal-festa biss, imma fil-ġranet kollha, fit-tliet mija u sitta u ħamsin ġurnata. U l-festa, biex inżid iktar ma fuq li qal Ignatius, apparti mill-iskola tal-mużika eċċetra u dawk l-affarijiet, barra mill-festa fl-imħażen, fil-każini, hemm is-sens komunitarju tal-familja, hemm is-sens komunitarju fejn in-nies jiltaqgħu man-nies, fejn apparti l-artiġjanat baqa' ħaj u ma mietx, imma hemm dik il-komunikazzjoni ta' kuljum fejn in-nies jitkellmu, x'ġralhom fil-familja, x'ġara fil-politika, min rebaħ futbol, min rebaħ hekk, hemm dak is-sens *of belonging*. U din hija xi ħaġa sabiħa. Semmejna n-nisa wkoll. Jien naħseb in-nisa llum għandhom rwol importanti ferm akbar milli l-kelliema esponew. L-ewwel ħaġa ssemmijhom, issibhom fit-tmexxija fl-eżekuttiv stess ta' dawn l-istess għaqdiet. Illum hija xi ħaġa li hija *avant garde*, anke fl-istess statut ir-raġel u l-mara għandhom l-istess daqs. Ħafna għaqdiet qegħdin imorru anke 'l hemm milli jkollhom sezzjoni tan-nisa u sezzjoni tal-irġiel, imma s-sezzjoni tal-irġiel, ftit ftit, qiegħda tinffiltra wkoll s-sezzjoni tan-nisa fiha. U n-nisa huma pilastri mhux biss fil-ġbir tal-flus jew fil-funzjonijiet soċjali, imma anke meta niġu għall-armar, meta niġu għad-drapp, għall-bandalori, il-ħjata, ir-rakkmu. Illum anke narawhom fit-toroq waqt il-festi bil-*forklifters* isuquhom biex jarmaw. Jiġifieri, is-saħħa tar-raġel m'għadiex biss minn dak l-element. Jiena midħla tan-nar, midħla tal-armar, midħla tal-banda. Fejn nipparkja jien fil-fabbrika tan-nar, hemm nisa, mhux l-ewwel darba, narahom iġorru l-kanen jew jieħdu ħsieb ċertu affarijiet tan-nar, jew jieħdu ħsieb ċertu affarijiet fil-fabbrika stess, ikollhom il-liċenzji. Semmejna li kien hawn tlettax. Iva. Hawn ftit. Imma qegħdin jiżdiedu. Imma l-mara r-rwol tagħha, anke mill-element maskili qed jiżdied ukoll apparti minn tat-tmexxija. Il-kelma Maltija hija dilettant tan-nar. Jien dejjem kont xettiku dwara. Jekk irridu navvanzaw il-quddiem, irridu nħarsu lejn in-nar iktar bħala mgħallem tan-nar, iktar bħala artiġjanat tan-nar. Il-kelma dilettant jiena, għalija nirriserva għal dik il-persuna li jmur iħares l-hemm mill-għalqa tal-ħruq jew l-hemm mill-pjazza lejn in-nar. Huwa l-ispettatur innifsu, għax għandu dik il-ġibda lejh. Li qiegħed jiġri llum, u bis-saħħa tal-għaqda piroteknika u anka tal-Gvern, hija li f'din l-aħħar sena n-nar irridu nħarsu lejh iktar b'mod akkademiku, bil-*Health and Safety Standard*, fejn il-proċedura, fejn il-manifattura nnifisha trid issir, qiegħed iktar ikun mgħallem b'mod aħjar. U ta' min jgħid li n-nar f'kelma waħda huwa marbut mal-festa għax huwa l-messaġġier. Il-kelma messaġġier forsi hawnhekk ma ħarġitx daqshekk, imma aħna, għalinqas fit-toroq f'Ħaż-Żebbuġ ngħidu 'ara beda s-salut.' Mela dak is-salut jindika li bdiet dik il-funzjoni fil-knisja; huwa marbut il-ħin kollu bħala messaġġier. Inqasna wkoll insemmu dwar l-armar tal-brijju. Heqq, l-armar tal-brijju huwa parti integrali mill-marċ ta' filgħodu. Huwa parti mill-espressjoni ta' dik l-Għaqda. Dan hu armar totalment differenti mill-armar li nsibu fit-triq tal-purċissjoni għalkemm xorta għandu dawk it-temi reliġjużi u lokali. Fl-aħħar mill-aħħar in-nar, jiena nħares lejh mhux biss bħal artiġjanat imma bħala xjenza li fiha hemm il-fiżika, hemm il-kimika, hemm ukoll l-inġinerija u l-lum iktar minn qatt qabel it-teknoloġija diġitali. In-nar, bħala kultura, fih meta jiġi integrat anke l-mużika, qiegħed jesprimi

l-iktar talent, b'mod spontanju, li tuża l-ikbar liżar li jeżisti, li huwa s-smewwiet, u bil-kuluri bħalma pittur bil-paletta jpinġi xi ħaġa dak li jkun ispirat minnha fuq l-ikbar liżar, l-imgħallem tan-nar jesprimi lilu nnifsu, imħabtu u dak kollu li jkun inkarta fil-murtal tul is-sena sħiħa biex l-għada pitgħada joħorġu waqt il-ġranet tal-festa.

## Intervent mis-Surmast Alfred Farrugia tal-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq

L-ewwel nett nifraħ lis-Soċjetà tal-Ġilju ta' din l-okkazjoni illi għamlu dan is-seminar u nirringrazzja lil-panel illi tkellmu tajjeb ħafna fuq is-suġġett tal-festa, però, inħoss illi hemm aspett li qegħdin ninjoraw mill-kultura u identità tal-festi tagħna, fejn ħa nalludi għall-baned Maltin stess. Apparti li ssemmew il-marċijiet li jsiru fejn qegħdin jinstemgħu kompożizzjonijiet Maltin, l-isfortuna hija li nistieden lill-kumitati tal-festi kollha li hawn hawnhekk, iduru dawra kemm ilhom joħorġu dawn il-pubblikazzjonijiet tal-festi u jsibu li fil-programm li jtellgħu fil-festa jkollhom silta mużikali ta' kompożitur Malti. Issa jiena qed ngħid dan għaliex naf illi aħna fis-seklu dsatax Malta kienet strumentali ħafna anke fiż-żminijiet tas-seklu sittax kienet strumentali ħafna fl-iżvilupp mużikali ta' ħafna ta' madwar id-dinja kollha. Biżejjed insemmu lil Gerolimo Abos illi l-mużika tiegħu hija monument dinji u ħafna kompożituri oħrajn Maltin illi influwenzaw ħafna anke kompożituri u kkompetew ma' kompożituri kbar bħal Verdi u rebħulhom f'kompetizzjonijiet hekk. Issa l-punt tiegħi li ġej huwa dan, illi intom il-każini tal-baned illi iffurmajtu apposta għall-banda, x'aħna nagħmlu biex fil-festa tagħna nippreservaw il-kultura tal-mużika Maltija? Insibu illi minn programm ta' sagħtejn sħaħ ta' mużika ma ssibx biċċa mużika Maltija inkluża. U hawn nista nqajjem mistoqsijiet oħrajn ukoll imbagħad, għax l-isfortuna hija, illi ħafna nies li huma interessati fil-mużika Maltija ukoll, bħali li dejjem rajt li dejjem indaħħal biċċa mużika ta' kompożitur Malti, ma ssibx u diffiċli biex issib l-aċċess għal xi mużika partikulari li tkun tixtieq. Biżejjed insemmu bħalma huma mużika ta' Paolino Vassallo, ta' Carlo Diacono, *allright,* b'xi mod hemm min għamel patrimonju minnhom dawn u dan, meta dawn huma patrimonju nazzjonali. U jekk imorru fuq l-*Internet*, illum, u nidħlu fuq l-Amerka, fuq Russja, insibu li dawn qegħdin jippromwovu ħafna l-mużika tal-pajjiż tagħhom, li qegħdin itellgħuhom anke fuq Internet disponibbli għall-kulturi ta' madwar id-dinja kollha biex juru dak il-pajjiż x'joffra. Aħna minn naħa ta' Malta, aħna bħala anke stat, u minn hu responsabbli mill-kultura mużikali f'pajjiżna, x'inhu jagħmel biex jagħti dan l-aċċess għal din il-mużika, u barra minn hekk, kemm aħna il-baned, jekk mhux ħa ndoqqu l-mużika tal-Maltin, x'ħa jiġri mill-arkivji li għandna aħna ta' mużika antika, li sfortunatament, anqas għadna ntuhom iċ-ċans ukoll. Għaliex? Għax il-programmi li qegħdin isiru mill-baned illum, qegħdin indaħħlu ħafna kanzunetti, qegħdin inġibu ħafna mużika ta' barra, qegħdin nixtru mużika ta' barra. Allura, aħna jekk għandu jkollna aċċess għall-mużika ta' Maltin, anke jekk inħallsu dik ix-xi ħaġa żgħira, imma jkollna aċċess għal dik il-mużika li hija patrimonju nazzjonali, m'għandniex għalfejn indaħħluha? Għandna mużika kbira, nibżgħu għaliha. Jekk irridu nagħmlu l-kuraġġ li Maltin jibqgħu jikbru fil-kultura

mużikali wkoll, irridu ntuhom dawn it-toroq fejn aħna, hemmhekk inkomplu insaħħu l-kultura u l-identità tagħna bħala Maltin anke fil-festi tagħna. Illum sfortunatament qed tintilef totalment, u jekk kien hemm istituzzjoni, li nirreferi għat-Teatru Manoel, li meta tmur, sa żmien li dħalna bil-banda tagħna nagħmlu programm hemmhekk, kienet obbligat li banda Maltija ttella' silta mużikali Maltija. Sfortunatament, dis-sena stess għadni kif attendejt kunċert ġewwa l-Manoel, imtella' minn banda Għawdxija, kellha *guests* barranin mużiċisti magħha u sfortunatament ma smajtx silta ta' Malti. Jiġifieri, ġibna l-barranin issa anke ġol-Manoel, meta konna qabel, konna qiesna obbligati li ntellgħu silta mużika, dan qed insemmu li minn sagħtejn mużika, tagħmel għaxar minuti dedikati lill-kultura ta' Malta, hija sfortuna li anke t-Teatru Manoel kellu jaċċetta din is-sitwazzjoni, u bħali li rajt nies preżenti hawnhekk li jistgħu jikkonfermaw dak li qed ngħid jiena, illi kienu qegħdin preżenti hemmhekk ukoll f'dan il-kunċert. Nispera li jalla intom il-panel għandkom xi risposti għalina għal dawn fejn jidħol Stat, u kif nistgħu ngħinu aħna biex nagħmlu aċċess, aċċessibli iktar il-mużika Maltija, biex inkomplu nsaħħu l-kultura Maltija.

## Intervent minn Dr George Cassar

Xtaqt nagħmel riflessjoni fuq it-titolu stess ta' dan is-Seminar – Il-Festi: Il-Kultura u Identità.

Ħa nibdew mill-festi. X'inhi festa? Festa hija manifestazzjoni, hija wirja, hija okkażjoni speċjali fejn komunità tiltaqa' flimkien, biex propju xxandar mument partikolari fil-ħajja tagħha.

X'inhi kultura? Kultura hija dik il-ġabra ta' affarijiet, ta' sitwazzjonijiet, ta' ħsibijiet, ta' filosofiji, ta' projezzjonijiet li minnhom infishom jagħġnu komunità, li din allura tiġi distinta minn komunità oħra.

U x'inhi identità? Identità hija propju dak li int int. Dak li int int differenti minn xi ħadd ieħor. Hija dak li lilek jiddistingwik minn ta' ħdejk.

Mela meta naraw il-festi fil-kultura u l-identità tagħhom, x'qegħdin naraw? Qegħdin naraw xi ħaġa, okkażjoni speċjali. Okkażjoni li tiddistingwik minn xi ħadd ieħor. U propju l-kelliema li kellna llum, b'mod tajjeb ħafna għandi ngħid, ippruvaw jgħaddu dal-messaġġ. Illi inti għandek sitwazzjoni fejn b'xi mod, fiha, qed tipprova tgħaddi dak li int int, b'modi differenti, anke bit-teatralita tagħha, anke bil-ħoss tagħha, anke bl-ispazzji illi tuża, anke bid-dekorazzjonijiet. Però, hawnhekk tiġi d-domanda allura. Aħna, nistgħu nibqgħu kif dejjem konna? Il-festi tagħna, nistgħu ngħidu kienu mod u għadhom l-istess? Pereżempju Patri Adrijanu qal 'il-festi jibdew mill-knisja u jispiċċaw mill-knisja.' Għandu raġun. Però r-realtà hi li l-knisja ukoll hija parti mill komunità, li l-knisja hija wkoll magħmula minn nies, li dak li jsir ġewwa, li mbagħad l-istess knisja ħarġitu barra, storikament, illum sar tal-poplu. Mela r-realtà hi illi kull ħaġa qiegħda tevolvi. Il-festa m'għadiex festa reliġjuża biss jew purament reliġjuża, imma saret festa aktar miftuħa, aktar sekulari. U din irridu nifhmuha, li bdew deħlin elementi u huma importanti għax bil-mod il-mod juru żvilupp, illi minnhom infishom, qegħdin joħolqu dejjem verżjoni ġdida tal-festa Maltija. Kultant nikkundanaw ċerti żidiet, pereżempju, waħda mill-affarijiet li dejjem nitkellmu fuqha hija, għaliex l-ikel

tradizzjonali fil-festi Maltin qed jispiċċa? Jien naf, il-qubbajt? il-pastizzi? pereżempju, u ndaħħlu l-*hamburger* u l-*hotdog* u l-pizza. Illum ħafna drabi jekk inti tgħid ħa mmur sa festa, lanqas tgħid ħa mmur nieħu biċċa qubbajt, jew ħa nixtri biċċa qubbajt, imma tgħid ħa mmur nieħu *burger* prattikament. Din hija parti mir-realtà però, illi l-globalizzazzjoni ma tistax taħraba. Mela għalkemm aħna qegħdin nitkellmu fuq festi u kultura, irridu nifhmu wkoll li l-kultura u l-identità Maltija qed jinbidlu wkoll maż-żminijiet tagħhom, u qeghdin jirriflettu dak li anke f'kulturi oħra qed jiġri. Mhijiex xi ħaġa tagħna din ghax ħafna drabi nikkundannaw lil Maltin qiesna 'u le aħna sirna neokolonjalisti', qegħdin nagħmlu dak li għamel ħaddieħor, imma ninsew li anke ħaddieħor qed jagħmel dak li nagħmlu aħna. Illum ir-realtà hi illi kollox qed jinbidel, u anke l-festi tagħna qegħdin jevolvu b'dan il-mod. Ma tfisirx li għandna nitilfuhom, imma għandna nkunu bil-għaqal u nifhmu illi filwaqt li noħolqu l-bilanċ meħtieġ bejn dak li kellna u dak li qed jidħol fl-istess ħin noqogħdu attenti illi l-bilanċ jibqa' hemm u ma nesageraw f'xejn, inkluż fin-nar, inkluż fil-kontrolli, inkluż f'dak kollu illi hemm min igerger fuqu u hemm min jissapportjah. Il-bilanċ huwa kollox. Festa bbilanċjata hija festa Maltija.

## Kummenti mill-panel minn Charles Farrugia

Nixtieq nagħmel ftit kummenti jiena għax kien hemm interventi interessanti ħafna. L-aħħar punt ta' Dr Cassar huwa fuq li kollox qed jevolvi u ħarġet naħseb tajba ħafna ukoll mill-kummenti ta' Dr Farrugia ukoll l-involviment tan-nisa fil-festa. Anke dawk tal-età tiegħi niftakru żmien meta n-nisa l-anqas biss kienu jistgħu jidħlu ġol-każin, anzi kien hemm żmien iktar gravi fejn min ma kienx soċju ma kienx jidħol fil-każin, jiġifieri, kellek l-ewwel il-każin għas-soċju biss, imbagħad fetaħ il-każin għal kullħadd, imbagħad daħlu anke n-nisa bħala soċi u llum in-nisa parteċipi kompleti u hemm elementi ġodda qed jinbtu, dan l-aħħar kien hemm anke il-fenominu tal-*Junior clubs*, illi literalment kważi l-*kindergarten stage* tal-*up-bringing* fi ħdan każin. Issa aħna mhux qegħdin, nidħlu fuq kull tema u niddiskutuha, però, qegħdin nippruvaw insemmu l-aspetti kollha li huma ħafna. Kien hemm il-punt ukoll li semma Dr Farrugia tal-messaġier, sejjaħ żewġ punti interessanti tad-diletant u mgħallem. Hu nteressanti li aħna l-kelma dilettant ħarġet ħafna minn dak id-diskorsi, però interessanti dil-perspettiva ta' mgħallem u tal-messaġġier illi ssemmiet b'mod ieħor, fil-każ ta' Christine ma semmietx il-kelma messaġġier, qalet korjografu u li jagħti r-ritmu lin-nar jidhirli, il-kliem eżatt kien, li jagħti r-ritmu lill-festa anzi, in-nar jagħti r-ritmu lill-festa. Jiġifieri qegħdin fuq l-istess frekwenza u hu ferm interessanti li ħareġ dal-ħsieb komuni.

Il-punt tal-aċċess tal-mużika li għamel Maestro Farrugia, huwa interessanti ħafna u *as an aside*, inħoss l-obbligu li ngħid kumment jiena wkoll fil-kariga issa tieghi mhux fil-festi, fil-kappell li qiegħed liebes hawnhekk illum imma fil-kariga ta' Arkivista Nazzjonali, għax hija realtà vera illi l-aċċess għall-arkivji mużikali huwa problematiku. Huwa problematiku ghal ħafna raġunijiet. Huwa problematiku minħabba l-aspett storiku, illi aħna hawn Malta ħafna mill-kollezzjonijiet, anke ta' dokumenti mhux mużika biss, jinsabu fi ħdan l-arkivji privati, fi ħdan il-Knisja u fi ħdan il-Gvern.

Voldieri fir-realtà, il-Gvern huwa l-inqas imsieħeb li għandu kollezzjonijiet mużikali. Hemm arkivji mużikali li huwa l-Arkivju tal-Katidral, li hawn fl-udjenza hawn minn hu iktar kompetenti minni biex forsi jikkummenta dwaru, fejn hemm kollezzjoni kbira ta' mużika u wieħed irid jesplora metodi kif dik il-mużika issir aktar aċċessibli u tinfetaħ iktar għal-pubbliku. Mil-banda l-oħra, is-sitwazzjoni mhijiex forsi kollha negattiva. L-element ta' biċċa mużika Maltija f'kull kunċert, żgur illi, almenu fis-Soċjetà li qed torgonizza das-seminar Tal-Ġilju, żgur illi naħseb dawn l-aħħar 25 sena' għax naħseb kont dejjem kważi preżentatur jiena f'bosta mill-kunċerti, dejjem ikun hemm is-silta mużikali Maltija. U apparti mis-silta tal-kompożitur, dawn l-aħħar 20 sena wkoll Andrew Calleja li huwa is-Surmast li jikteb għall-okkażjoni, naħseb li dejjem kien hemm silta oħra ta' mużiċista Malti. Jekk tgħidli biżżejjed? Ma naħsibx li biżżejjed. Però, fil-kunċerti forsi *indoors* tal-Manoel, hemmhekk huwa l-aktar post propizju li tista' ddaħħal dik it-tip ta' mużika għax imbagħad hemm il-limitazzjonijiet l-oħra li kif tafu meta nagħmlu kunċert speċjalment lejliet il-festa tkun qiegħed tikkompeti ma' milljun elf oġġett, għandek il-ħin jiġri kontrik, għandek lil tan-nar iridu jibdew jaħarqu n-nar, għandek dik ir-realtà kumplessa kollha kemm hi. Dak naħseb minn naħa tiegħu kienu l-kummenti li xtaqt nagħmel.

## Kummenti mill-panel minn Dr Vicki Ann Cremona

Jiena minn naħa tiegħi fuq il-livell tan-nisa fil-każini naħseb li nkunu wettaqna dak li nkunu rridu meta naraw ugwaljanza totali bejn iż-żewġ sessi. Jekk nieħu l-eżempju ta' dan il-panel, dan huwa l-ewwel panel li jiena attendejt Malta li hemm numru ugwali ta' nisa u rġiel. Meta n-nisa jsiru presidenti tal-każini u li jkun hemm l-istess numru ta' nisa presidenti u ta' rġiel presidenti ta' każini, jiena nibda nemmen fuq il-fatt li n-nisa għandhom rwol importanti u deċiżiv fil-każin, meta dak isir, nibda narah fuq livell tanġibbli. Ukoll għaliex jiena nemmen illi n-nisa għandhom rwol importanti ħafna fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Jiena nirrappreżenta 'l Malta mhux bħala mara imma l-fatt li jiena mara huwa evidentement fattur li ma nistax ninjorah u naħseb illi nirrappreżenta 'l Malta b'ħilti kollha kif jirrappreżentawha l-irġiel li jaħdmu fil-ministeru tiegħi. Dik hija l-ewwel punt.

It-tieni punt li ridt nagħmel huwa fuq il-livell tal-mużika. Huwa fatt illi l-ikbar kollezzjonijiet tal-mużika mhumiex qegħdin f'idejn il-gvern, imma hemm arkivju tal-Katidral li huwa immens, li huwa għani ħafna u li naħseb li hu importanti li jiġi miftuħ iktar u iktar lejn ir-riċerka mużikali u lejn il-produzzjoni mużikali. Però m'għandniex bżonn nitkellmu biss fuq livell t'arkivji, jiġifieri fuq livell ta' mużika li eżistiet fil-passat. Hawn ukoll ħafna kompożituri ġodda, mużiċisti li qegħdin jikkomponu dejjem iktar, pereżempju fl-Università hemm kompożituri żgħar li ħarġu mill-Università u li jixtiequ li jindaqqu l-biċċiet tagħhom. U naħseb li nistgħu noħolqu djalogu magħhom. U wkoll ma nistgħux ninsew il-mużika li tiġi komposta anke llum għall-marċijiet. Jiġifieri dak huwa element ieħor ta' kompożizzjoni li minħabba l-festa qiegħed joħroġ. Huwa importanti li jkompli jiżviluppa.

Fuq livell ta' identità, naħseb importanti li ngħidu li effettivament l-identità huwa dak li inti, dak il-mod kif inti tara li inti, u kif inti tipproġetta dak li inti tara lill-oħrajn.

U għalhekk il-festa hija mod kif inti tipproġetta lilek innifsek bħala persuna u bħala belt u bħala komunità lill-oħrajn. U ma naħsibx li l-festa hija element reliġjuż. Il-festa hija ċelebrazzjoni tal-komunità, mhix festa reliġjuża biss, skużawni. Naħseb li kif għedt qabel, l-element reliġjuż u l-element soċjali qishom imblokkati f'xulxin u fuq livell ta' bilanċ naħseb illi huwa element importanti li imbagħad niddefinixxu fejn naħsbu li qiegħed il-bilanċ, għax id-diskors ta' bilanċ huwa diskors importanti ħafna imma huwa wkoll, sa ċertu punt, marbut mad-diskors ta' kontroll. U hemmhekk fejn għandna bżonn naraw fejn huma l-limiti.

## Kummenti mill-panel ta' Jeremy Boissevain

The only comment I want to make is in fact the thing that struck me most when I first visited a *Festa*. Actually the first time I was in the church during the *Festa* and suddenly there was a burst of fireworks and the smell of gunpowder came into the church and you had the smell of incense and gunpowder together and that's, I think iconic, a question of *Festa*; it's both.

## Intervent minn Ray Saliba

Irrid inserraħ ras Dr Cremona li fil-fatt sa issa anke presidenti, f'każini tal-banda, nisa kien hemm, Ħaż-Żebbuġ wieħed minnhom, tajjeb? Biex ikollok soljiv jiġifieri.

**Dr Vicki Ann Cremona** – U jkollna president wieħed u b'wieħed niftaħru qisna għandna xi gzuz. Il-fatt huwa, illi l-kontroll l-iktar huwa fl-idejn l-irġiel, u hemm bżonn nirrikonnoxuha din il-ħaġa.

**Ray Saliba** Huwa fatt ovvju dan, jiġifieri huwa fatt storiku, però qiegħed f'kull qasam ieħor tas-socjetà, mhuwiex rifless biss fil-qasam tal-festa, imma jekk pereżempju nieħdu l-vot lin-nisa fl-elezzjonijiet ġenerali ma naħsibx li kien qabel l-irġiel, kien wara. Jiġifieri mhux qed ngħidlek li tajjeb, imma f'kull prassi tas-soċjetà ġara dan. Jiġifieri aħna qed nimxu ma dak li kien ovvju f'kollox. Jalla jkun hemm iktar parteċipazzjoni, però partiċepazzjoni fuq livelli oħra minn nisa fuq il-kumitati tal-festi, mhux tal-baned biss, hija diffiċli ħafna.

Issa, punt rigward il-mużika fl-arkivji, għax naħseb li qed jaċċenna għaliha s-Sur Farrugia. Huwa veru li apparti mis-sorsi f'kollezjonijiet privati, hemm ħafna mill-materjal li jikkonċerna l-kompożituri Maltin, speċjalment ta' natura sagra, mhux biss għal-festi ta' barra, imma l-iktar għal-festi tal-Knisja, ta' ġewwa, fil-pussess tal-Knisja. Ħafna minnhom qedin fl-arkivju tagħna tal-Mużew tal-Katidral u hemm ħafna materjal ieħor li qiegħed f'arkivji parrokkjali. Issa jiena nammetti, vera, ħafna mill-istituzzjonijiet bandisitiċi Maltin, isibu xi problemi, biex jużaw dawn is-sorsi. Għalhekk għandu jkun hemm pressjoni akbar fuq min hu responsabbli, jiena ngħid mhux tal-Mużew tal-Katidral, tal-Knisja, biex dak li hu ġid komuni jkun gawdut minn kulħadd. Irrid ngħidilkom li min kien jagħti d-donazzjoniet privati tal-mużika lill-Knisja, ħafna drabi, għax kellu f'rasu li dawn ikunu iktar aċċessibbli.

Issa, punt ieħor minn dak li qal is-Sur Farrugia fl-introduzzjoni, li jiena għadni newden fiha alavolja intqalet fil-bidu, kienet li l-pika ħażina. Il-pika mhijiex ħażina. Il-

pika hija stimolu, stimolant, bħalma nieħdu ċertu xorb aħna, meta mmorru Paceville. Jiġifieri, il-pika importanti. Mhux sa nidħol issa fil-fili, imma l-pika importanti. Fil-fatt, kien hemm min ikkumenta, anke mill-panel, li l-pika importanti u tagħmel il-ġid. Li wieħed irid jagħmel huwa, li l-pika ma jagħmilhiex xi ħaġa ta' dannu li ġġib ħsara fuq il-kawża tagħna, ta' dak li qed niċċelebraw, tajjeb, però altrimenti l-pika tgħin.

Irrid ukoll nikkumenta fuq xi ħaġa li ntqalet li l-festi dejjem jikbru. Din hi ossessjoni, anke ta' min jagħmel analiżi storika u antropoloġika tas-suġġett, li għandu f'moħħu li l-festa dejjem qed tikber, in-nar qed jikber u l-aspetti l-oħra qed jikbru. Min jagħmel analiżi analitika tal-festa tajjeb, sew arkivistikament u permezz ta' *field-work*, jinduna li f'ħafna aspetti, il-festa moribonda, mhijiex tikber. Issa jiena l-festa nħobbha ħafna u nagħmel ir-riċerka fuq il-festi. Jiġifieri mhux qed ngħid hekk b'gost, qed ngħid hekk b'risponsabbilità. Biex nieħdu ħsiebhom ċertu aspetti li qed ikunu moribondi. Jekk għandhom imutu ċertu affarijiet, għaliex id-destin tagħhom huwa hekk, allura nħalluhom imutu bħalma mietu affarijiet oħra. Però jekk nistgħu nikkuraw fejn għandna nikkuraw, għandna nagħmlu dawn l-interventi llum qabel għada. Protagonista importanti biex dawn l-affarijiet jiġu rremedjati hija l-Knisja, il-għaliex il-festa verament tibda mill-knisja u tispiċċa ġol-knisja, hawn min jgħid. Mhux biss, imma l-festa hija festa reliġjuża predominament, jiġifieri ma nistgħux ninegawh dan. Jidispjaċik, pereżempju l-awtoritajiet ekleżjastiċi li għandhom rwol importanti ħafna fit-tfassil tal-programmi tal-festa fl-irħula tagħna, huma assenti hawnhekk. M'hawn ħadd. Fejnhom? Appuntu, hawn min qed jinstemma jgħid m'hawnx interess. Propjament hemm interessi differenti mhux m'hemmx interess. Hemm interess. Jiena lilek għandi interess li nwaqqfek u għandi interess li nġagħlek tkompli għaddej f'oġġett. Jiġifieri anke li nwaqqfek huwa interess. Tajjeb? Jiġifieri jiena jiddispajaċini meta nara li qed ikunu assenti apposta, mhux għax ma jinteressawx ruħhom imma għax iridu jgħidu xi ħaġa b'dik l-assenza tagħhom. Wieħed irid joqgħod attent minnhekk, għax il-festa veru li l-parteċipazzjoni tagħha tagħmila n-nies inġenerali, Però l-festa għandha rwol kbir fit-tfassil tagħha l-awtorità ekkleżjastika. U wieħed irid joqgħod attent u b'għajnejh miftuħ fuq hekk.

## Kummenti mill-panel minn Charles Farrugia

Nixtieq nagħmel kumment żgħir għax issemmiet kemm il-darba l-Kurja u l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi u tajjeb niċċaraw. L-ewwel nett għandna magħna l-Kappillan tal-Imqabba, Dun Nazzaren Caruana, u nirringrazjawh talli qed magħna, però ovvjament mhux qiegħed hawnhekk biex jitkellem għan-nom tal-Kurja. Mill-aspett tal-Kurja ta' min jiċċara li l-organizzaturi informawni li kienu mistednin, u kien hemm invit direttament lil Monsinjur Gouder u lil kull min irid jiġi. Voldieri min-naħa tal-organizzaturi ma ġie eskluż ħadd milli jkun preżenti. L-organizzaturi jiċċaraw ukoll li sa kemm bdiet din l-attivita ħadd ma infurmahom dwar jekk l-awtoritajiet tal-kurja kellhomx ħsieb jattendu jew le.

## Intervent minn Mario Vassallo

Prosit lill-organizzaturi talli qarribtu lid-dinja akkademika mal-parattikanti, mad-dilettanti u mal-imgħallmin tal-festa, biex inkun korrett. Jien ukoll ngħallem l-Università u tiskanta kemm hemm numru sostanzjali ta' teżijiet li jinkitbu dwar aspett jew ieħor tal-festa. Mhux biss teżijiet fil-fakultà jew fid-Dipartiment tal-Istorja, imma wkoll teżijiet fil-fakultà tal-*Management,* dwar kif jitmexxa każin tal-banda, fejn l-analiżi ssir fuq dawn l-*NGOs* u l-mod tat-tħaddim tal-immaniġġjar tagħhom. Semmejtu illi l-festa mhix marida. Imma b'daqshekk ma jfissirx li l-festa ma jkollix bżonn tabib għall-*checkup*. Il-bniedem imur għand tabib mhux meta jkun marid biss, imma anke meta jkun b'saħħtu biex jippreserva is-sħuħija tieghu u wkoll biex itejjeb il-pożizzjoni tiegħu. U allura hemm ċertu elementi fil-festa li ma nafx għandhomx mill-qamħ jew inkella mis-sikrana. Pereżempju skont statistika tal-*NSO*, u jgħidu li l-istatistika tikxef l-għawwar, in-numru ta' soċi fil-baned żdied. In-numru ta' partitarji, wkoll kompla jiżdied. L-infieq fil-festi, stastikament, żdied ħafna. Id-dejn ta' ċerti *NGOs* żdied ukoll. Però hemm nuqqas jew inqas bandisti. Jiġifieri n-numru ta' bandisti, fil-kuntest ta' dan kollu, qiegħed jonqos. Aħbar tajba għal min idoqq il-kurunetta għax jista' jinkera b'iktar flus, però aħbar ħażina għall-baned li jridu jagħmlu tajjeb biex jikru iktar bandisti minn barra.

Il-festa tibda fil-knisja u tispiċċa fil-knisja. Jiena llum ngħid il-festa tibda bil-*warming-up barbecue*, xi kultant organizzat mill-istess arċipriet jew kappillan u tispiċċa bix-xalata. Jiġifieri, post il-knisja għal ħafna mis-settur li jħobbu l-festi donnu li qiegħed jonqos. Ħadd ma semma elementi illi forsi jdarrsu lil dawk il-kelliema li tkellimtu. Veru intkom ġejjin mill-element tax-xjenza soċjali, allura r-riċerka tagħkom ġeneralment tkun *value laden* u mhux *value free*, imma naħseb li ppruvajtu tintgħoġbu wisq mat-tip tan-nies illi hawn hawnhekk jew ħsibtu li se jkun hawn hawnhekk. Jien ukoll parti mill-festa, jiġifieri mill-Mosta, inħobb il-festa u nammirha u naħdem għaliha, imma hemm elementi illi forsi ma ħarġux, bħal pereżempju l-organizzazzjoni ta' *discos* waqt ħinijiet partikolari biex itellfu mill-attendenza taż-żgħażagħ għall-attivitajiet tal-banda l-oħra. Seħibna t-tabib ta' Ħaż-Żebbuġ semmilna l-ikbar liżar huwa s-sema, però hawn każini li investew fil-liżar kbir li jgeżwer il-każin tagħhom, biex taqa' purtier quddiem il-każin u ta' min hu barra barra u min hu ġewwa ġewwa u dak li għaddejin opposti jibqgħu għaddejjin.

Ma semmejtux pereżempju l-bejgħ ta' xorb, b'mod abbużiv lil persuni taħt l-età b'mod sfaċċat kontra l-liġi. It-tipjip fil-każini li mhux biss fi żmien il-festa, imma din it-tip ta' liġi għada mhix daqshekk infurzata f'ħafna mill-każini li għalinqas li nidħol jien. L-aħħar ħaġa, donnu wkoll li ż-żgħażagħ, dawk li jridu jaqbżu mal-marċ, għamilt id-differenza bejn dawk li jkun qabel il-banda ma' dawk li jkunu wara l-banda. Dawk li jkunu ta' qabel il-banda, ġeneralment jippreferu, mhux il-marċi bħal ma jippreferu ta' wara l-banda, imma jippreferu dawk id-diski tal-għajjurin, ngħidilhom jien, dawk id-diski illi propju jagħmlu dik il-pika li semma l-kelliemi ta' qabli propju ħażina, għaliex tinbena fuq is-supremazija, mhux qed ngħid għaż-Żrieraq ta' Santa Katerina, imma s-supremazija li tinbena fuq għax inti ħażin u jiena tajjeb u allura m'aħniex imsieħba.

L-aħħar punt. L-operaturi tal-festi huma mseħbin, però b'daqshekk ma jfissirx li m'għandux ikun hemm ir-regolatur għax inkella tirrenja l-liġi tal-ġungla.

## Intervent minn Louis Vassallo

Kulma nixtieq ngħid huma żewġ affarijiet li jintrabtu mat-tradizzjonijiet, speċjalment tan-nar. Issemma li n-nar jista' jkun messaġier tal-festa. U hekk hu. Anzi hija tradizzjoni li għada b'saħħitha sal-lum, parti minn tradizzjoni anzi, għax in-naħa l-oħra li kienet tirrekjedi lill-poplu li kienet tiġi mgħallma mill-knisja, qed nirreferi għar-rigward is-sawm li kien isir fil-festi Maltin, dan ilu żmien li spiċċa, però mill-att pirotekniku, lejliet il-festa, sa fejn naf jien, in-nar qatt ma jinħaraq f'nofsinhar, imma f'nofsinhar neqsin kwart. Din hija tradizzjoni li ġejja minn dak iż-żmien tas-sawm li meta kien jispiċċa s-sawm kienu jinqdew bil-murtali ħalli l-poplu jkun jaf li spiċċa s-sawm u bdiet il-festa. Jiġifieri, mill-att reliġjuż jew kult tal-poplu spiċċa, imma mill-att pirotekniku għadu hemm, però jrid jiġi mgħallem aktar ħalli l-ġenerazzjoni li tielgħa tgħożż aktar dawn l-affarijiet.

L-aħħar punt li nixtieq ngħid huwa rigward dawk in-nies li ssemmew ukoll, speċjalment tal-midja għax ċerti sezzjonijiet ta' gazzetti ta' kuljum, li bil-blog tagħhom kolletivament dejjem, mhuwiex ix-xewqa li jaraw it-tajjeb imma li jżeffnu l-ħażin u nasal biex ngħid li kważi kważi jifirħu meta ssir id-diżgrazzja. Dak x'inħoss jien u li sfaċċatament l-falzità tagħhom tidher meta ġieli nħoloq il-festival tan-nar fil-Port il-Kbir, li dawn ma jqiesu xejn u bdew jgħidu prosit u kemm hu sabiħ il-logħob tan-nar bħallikieku qalu li dan il-logħob tan-nar mhuwiex maħdum mill-istess nies, mhux manifatturat mill-istess postijiet u sempliċement flok ġie maħruq fik-lokalità tagħhom, ġie maħruq fil-Port il-Kbir. Jiġifieri, dawn in-nies anqas biss jirrealizzaw li dawn huma maħdumin mill-istess nies li jagħtu kontribut ma' tul is-sena kollha.

Jiena qed ngħid dan biex wieħed jiftaħ moħħu u ma jiblax dak kollu li jaqra u ngħożżu l-kultura tagħna. Grazzi

## Intervent minn Marthese Tanti

Biex inżomm il-bilanċ ħa titkellem mara. Marthese Tanti. Nista' ngħid li spettatur u kritiku tal-festi. Il-festi nħobbhom ħafna, miż-Żurrieq u għandna żewġ festi kbar u l-festi verament inħobbuhom. Però nixtieq nikkumenta fuq dak li jdejjaqni bħala spettatur u dak li jogħġobni wkoll. Ma jogħġobnix immens li l-paganiżmu li jkun hemm fil-festi, assolutament. Imma nħossni ma naċċettahx. Festa hija xi ħaġa sabiħa, anke kemm fil-festa ta' barra hemm il-kultura u għandna nżommuha. Għandna nżommu dak kollu li hu Malti. Idejjaqni ħafna anke l-aspett anke ta' monti, ġugarelli jinbiegħu fil-festi, m'għandhomx x'jaqsmu assolutament. Biex familja jew tnejn jaqalgħu l-qligħ tagħhom mill-festa, għalija qegħdin ukoll iħammġu ftit mill-kultura tal-festa.

Tkellimna wkoll fuq il-baned u xi ħaġa li kienet togħġobni qabel u issa sparixxat hija li qabel kif jibda marċ, ninġabru mal-marċ biex nimxu mal-banda u nisimgħu l-banda. Il-bandisti jagħmlu sena jiltaqgħu l-każin, jiriħersjaw, imbagħad in-nies tikkonċentra fuq ix-xorb. Il-bandisti jagħtu mill-ħin tagħhom is-sena kollha, timxi l-banda u nitla'

nara l-banda fil-pjazza biex nismagħha dak il-ħin biss, l-istess marċ xi erba' darbiet jew ħames darbiet ħiereġ minn widnejk.

Nixtieq l-ewwel nett ikun hawn iktar kumitati tal-festi, jikkonċentraw fuq dan l-aspett, li meta għandek banda miexja fit-toroq, u żejjint it-toroq għaliha u żżejjint it-toroq biex in-nies jgħaddu minn hemm, nikonċentraw naqra kif nistgħu nġibu n-nies mal-banda fit-toroq. Dik waħda minnhom. Ħaġa sabiħa mat-turisti hija li l-kunċert tal-banda fil-pjazza, niftakar ġieli l-pjazzez kienu jkunu vojta. Hija ġurnata fejn in-nies ma jitelgħux il-pjazza għax jiddejqu f'dal-kunċert. Għall-maqlub tal-marċijiet fit-toroq, dawn il-kunċerti tant saru ta' livell sabiħ li l-pjazza tkun maħnuqa grazzi għal kull min hu involut kemm fil-programmi, kemm fl-organizzazzjoni biex dan sar progress fiha.

L-aspett tax-xorb huwa aspett li qed jirrifletti ħażin fuq il-festi. Qed jiġu nies fl-irħula, mhux mir-raħal biss, li jaraw fejn sa jkun hemm festa ħalli jiskru ġo dik il-festa. Dan naħseb ma jagħmilx unur kemm għall-organizzaturi u kemm għall-kultura Maltija. Jekk xi ħadd għandu jikteb, li ġie minn barra u kellu jikteb waqt festa x'ra b'għajnejh, dan sa jixgħel ħafna x-xorb sfrenat u l-imġieba waqt ċerti marċijiet. Verament nemmen li l-kumitati nfishom ma jixtiquhx dan għax dan mhux qiegħed isir min-nies li huma responsabbli li verament iħobbu l-festa.

Apparti minn hekk ukoll nixtieq nitkellem fuq l-aspett tal-mużika ġewwa l-knisja li tiġi organizzata verament b'livell għoli, ikun hemm ħafna ċelebrazzjonijiet fil-knisja, imma għax ikunu daqshekk mogħmijin bil-festi ta' barra ma jħallux dik is-siegħa li forsi nisimgħu xi ħaġa sabiħa li qed issir fil-knisja nfisha u dan għall-qaddis jew għall-Madonna li qed niċċelebraw fir-raħal. Inħeġġeġ ħafna żgħażagħ jien biex jinvolvu ruħhom fil-każin u anki ridt insemmi l-aspett tal-volontarjat li huwa qawwi. Xi rridu aħna li jiġi perezempju bħal gvern meta tkun qed jorganizza ċelebrazzjoni, jikri lil tad-dawl, jikri lil min jarma, inħallsu l-flus biex jiġu jarmaw it-toroq? Għax jiena fil-futur dik li qed nara. Ikun hemm kumpaniji li jarmaw it-toroq huma, ikun hemm kumpaniji li jfornuk bid-drapp, li jfornuk b'dak is-servizz. Għad niġu fi żmien fejn ikollna nħallsu, għax in-nies li huma involuti fil-każini mhux qed imorru ħin f'ġobb partajm, imma l-ħin tagħhom irid jiddedikah lill-każin bla flus, jitlef il-flus u daqshekk. Imma kif inhi l-ħajja, ma tistax tlaħħaq mal-ħajja, heq, ħa jkollok tmur taħdem u mbagħad il-każini jiġu jqabbdu bħal ma qegħdin jqabbdu ċertu bandisti jkollhom iħallsuhom, ikollhom iħallsu għan-nies biex jagħtu sehemhom ġol-każin.

## Intervent mill-Onorevoli Dr Marlene Pullicino

Illum xtaqt nitkellem mhux bħala l-Onorevoli Pullicino, iżda bħala Marlene ta' Joey tal-Bliq, miż-Żurrieq. L-ewwel ħaġa ngħid prosit lil Marthese għax qabel għidtilha qis li titkellem. U naħseb tajjeb nagħmlu aċċenn fuq x'inhu l-mutur tal-festa. Il-mutur tal-festa huwa l-emozzjonijiet kbar li nħossu. Jiena llum inħoss li intom għamiltu servizz kbir lill-kultura Maltija, għaliex lissintu dak li jiena nħoss, imma kull meta nipprova nesprimih, tant nemozzjona ruħi, li min ma jafnix jibda jaħseb li qed niġġieled. Fil-fatt mhux għax inkun qed niġġieled. Tant inkun irrid ngħidu kif inħossu, biex nipprova nwassal il-messaġġ tiegħi dak li nħoss jien naqsmu ma ħaddieħor, illi, kif għidtilkom, mhux kullħadd jinterpretani l-istess. U għalfejn għidtilkom bħala Marlene ta' Joey

tal-Bliq, miż-Żurrieq. Ħa ntikom ftit l-eżempji żgħar tal-emozzjonijiet illum ta' ħamsa u erbgħin sena, politiku wkoll, għadni nħoss l-istess ħeġġa għall-festa li kont inħoss meta kont tifla. Kif serviet din l-emozzjoni matul dawn is-snin li għaddew? Jiena nġib quddiem għajnejja kemm kont inkun kburija b'missieri x'ħin nara 'l ommi tlestilu l-ispalletti u l-ingravata u l-beritta tal-festa fuq is-sodda, il-qmis mgħoddija stirata, biex ikun fil-banda f'pożizzjoni partikulari għax kien idoqq il-platti. Kemm kont nifraħ jien x'ħin konna mmorru mal-banda, ommi żżommilna idejna, nisimgħu l-marċi, ħafna minnhom ta' surmastrijiet ukoll tal-lokal. Hawn insellem lil Alfred Farrugia u lid-Didda u oħrajn kbar Żrieraq u anke mumhiex Żrieraq, illi kellu ċertu identità mal-banda, fil-każ tiegħi kien Tal-Karmnu taż-Żurrieq, illi xħin tisma' l-*Queen Victoria Band* iddoqq, qegħdin fejn qegħdin, għandha sett ta' marċi li jidentifikawha u jidentifikawha wkoll ma' raħal twelidi. U l-istess għal ta' Santa Katerina u l-istess għal tal-Ġilju u l-istess għal ta' Lourdes illi ħafna drabi konna mmorru ndoqqu anke bnadi oħra, għax missieri kien jinkera wkoll biex jaqla' xi ħaġa tal-flus biex irabbina u biex jgħallimna l-iskola, l-istess ħaġa kont insewgi u kont ninota dak iż-żmien. Li kif qal sewwa s-surmast tagħna Alfred Farrugia, huwa fenomenu li sfortunatament qed jispiċċa għaliex m'għadhiex tingħata importanza biżżejjed lill-identità partikolari, mhux Maltija biss issa. Jiena qed ngħid identità tar-raħal tagħna li hija importantissima. Jien l-iskola tal-Gvern kont, u konna nkantaw l-innu taż-Żurrieq, aħna, prattikament kuljum. Identità.

Ħaġa oħra li lili emozzjonatni ħafna dak iż-żmien u li għada sservini sal-lum, li niftakar, li tħeġġiġni biex nibqa' nagħti kontribut, meta jien tant xtaqt nitgħallem il-mużika dak iż-żmien, imma ovvjament ma stajniex inħallsu aħna. Meta l-każin aċċettani biex nitgħallem il-mużika, ma nistax nespremilkom x'ħassejt jien meta kelli l-opportunità li nitgħallem u tawni l-istrument għall-ewwel darba. Il-ġenituri tiegħi, bħalma hawn ħafna ġenituri sal-lum stess li ma jaffordjawx li jixtru l-istrument tal-banda lil uliedhom, ma kinux jistgħu jagħtuni dik l-edukazzjoni mużikali kieku ma kienx għas-soċjetà u l-każin tiegħi. Allura dik għalija hija emozzjoni illi ma' tul ħajti kollha lili kkonvinċitni li għandi nibqa' nagħti lura lill-każini tagħna, u nibqa' nagħti lura biex tfal oħra, illum żgħażagħ u kbar għax jiena qed nixjieħ ukoll, jieħdu dik l-esperjenza, jien semmejt l-esperjenza tal-mużika, però mhux biss, l-esperjenza fl-artiġġjanat, kif jitgħallmu dawn jinduraw pereżempju, kif jitgħallmu jagħmlu l-irħamar, bħala *carpenters*, bħala skultura, armar ta' pavaljuni, ħjata. Dawk kollha huma snajja' illi fil-każini tagħna qegħdin jiġu u għandhom jibqgħu mgħallmin.

L-emozzjonijiet li nħossu aħna bħala parti mis-soċjetà tagħna, ma nistax nifridhom qatt, bl-ebda mod, mill-emozzjoni li nħoss jien x'ħin toħroġ il-Madonna fuq iz-zuntier. Tgħiduli intom, qed tistenna l-Madonna toħroġ fuq iz-zuntier biex ikollok emozzjoni? Xejn minn dan. Imma għalija, dik li qed nara l-komunità tiegħi kollha, u ngħid kollha għax jiġu mill-erba' rjieħat tad-dinja, sħabi min hu professur l-Università, min fil-politika, min hu avukat, min dentist, min tiċer, niltaqgħu hemmhekk fuq dak iz-zuntier kull sena, biex inċapċpu bil-ħerqa lill-Madonna nibku, kollha nibku, nifirħu bil-ferħ. Il-Madonna hemm, fil-każ tiegħi qed nitkellem fuq il-Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq, qed tgħaqqadna, qed tiġborna biex dak l-element ta' reliġjon ma nista' nifirdu qatt jiena

mill-festa tiegħi, u naqbel ma' Patri Adrijanu iva li-festa tibda fil-knisja u tispiċċa fil-knisja u li kull minn hu parti mill-festi, kemm jekk huwa kleru, kemm jekk inhu lajk, għandu postu li mhuwiex aktar jew anqas importanti mill-president tas-soċjetà, mill-bandist, minn dak li li jarma, minn dak li jżarma. Kulħadd għandu sehem x'jagħti. U jekk irridu nżommuhom ħajjin il-festi, kullħadd irid jagħti mingħajr ma joqogħod jaħseb x'sa jieħu lura. Għax ħa tieħu lura bħal ma ħadt jien u bħalma ħadu dawn in-nies kollha. Ħa tieħu xorta lura. Mela jiena nipprova mingħajr ħafna emozzjoni għax anke illum emozzjonajt ruħi, imma skużawni mhux għax irrid, inħeġġeġ lil kullħadd, għax anke il-kleru li kien mistieden u ma ġiex hawn, inħeġġiġhom jifhmu xi nħobbu, x'inhuwa għażiż għalina ħalli d-devozzjoni, il-festa kulturali, il-festa soċjali, l-identità tar-raħal u l-identità Maltija nieħdu ħsiebha. Mhux biss nieħdu ħsiebha, imma nindukrawha għax jekk ma nindukrawhiex tisfaxxa maż-żmien u ma nistawx naħseb jiena naffordjaw li xi ħaġa sabiħa bħal din nitilfuha. Għaldaqstant nagħlaq billi nirringrazzja lil-President u lill-Kumitat tal-Każin tal-Ġilju u nħeġġeġ biex każini oħra u soċjetajiet oħra jieħdu l-eżempju tagħhom li iva l-kultura u l-importanza tagħha fil-kultura tal-festi npoġġuha, iva fuq livell akkademiku wkoll ħalli tingħata dik l-importanza illi forsi sezzjoni tal-poplu tagħna s'issa tħoss li m'għandiex tagħtijha.

## Kummenti tal-aħħar mill-panel: Dr Vicki Ann Cremona

Naħseb li m'hemm l-ebda riċerka li hija *value-free*. Kull riċerka għandha evidentement *value-laden*. Hemm teknika fir-riċerka fejn inti tipprova, qiesek tistabbilixx distanza bejnek u bejn dak li qed tosserva. Imma 100% *value-free* ma teżistix. Però naħseb li naqbel ma' ħafna mill-kummenti li qal is-sinjur meta għamel l-intervent tiegħu. Fuq il-livell ta' identità kont qed nisma' b'attenzjoni kbira x'kontu qegħdin tgħidu u anke l-kritika kienet interessanti. Huwa interessanti l-fatt meta nibdew nitkellmu b'mod fuq il-festa għaliex ngħixuha ma nistgħux ma nkunux emozzjonali għaliex hija parti mill-ħajja tagħna u evidentement l-emozzjoni hija sabiħa ħafna li nitkellmu biha għaliex turi li pratikament il-festa hija parti minna, intrinsika, li hija parti mill-pori ta' ġisimna biex ngħidu hekk u naħseb li dak huwa l-iktar ħaġa li jżomm il-festa l-fuq bħalm'huwa l-volontarjat. Jiena naħseb li l-iktar fattur importanti li wieħed irid iqis fil-festa huwa l-volontorjat u kif il-volontarjat jispiċċa, l-identità tal-festa almenu tal-festa kif nafuha tispiċċa, pereżempju huwa interessanti l-fatt li għandna iktar nies fil-każini imma għandna inqas nies li qegħdin jitgħallmu strument, għax biex titgħallem strument hija dixiplina kbira, u li għandna nqas bandisti, irridu mmorru nikruhom. Naħseb li dik hija fattur li forsi għandna naħsbu fih u li naraw kif nistgħu nindirizzawh. Però l-fatt li aħna nitkellmu b'emozzjoni fuq il-festa, hija evedentement il-fatt li aħna nidentifikaw magħha u naħseb li huwa element li juri s-saħħa tal-festa u s-saħħa tagħna fiha.

## Kummenti mill-Panel: Christine M. Cassar

Nixtieq nagħmel żewġ kummenti, l-ewwel wieħed fuq in-nisa. Meta bdejt nitkellem iktar kmieni fuq in-nisa, il-perċentwali li jidhru fl-istatistika jqarrqu bina, sempliċiment għax hemm inqas nisa bil-liċenzja biex jagħmlu n-nar ma jfissirx li n-nisa mhux

involuti. Naħseb li aktar hi riflessjoni li hemm ċertu rwoli - għax jekk fil-kumitat mela dawk nies important u qishom in-nisa għax ikunu qed jagħmlu xogħol minn wara l-kwinti ma narawx qisu l-importanza tagħom. Jista' jkun li iktar riflessjoni ta' liema rwol li naraw bħala importanti *rather* milli kemm huma involuti vera n-nisa għax ħafna ħafna nisa involuti. U l-aħħar kumment huwa, isemmew żewġ affarijet li nixtieq naqqadhom flimkien, il-kumment fuq in-nar bħala messaġġ u l-emozzjoni. Dak huwa l-messaġġ tal-festa u tan-nar. Hija l-emozzjoni tan-nies ta' warajha.

## Kummenti mill-Panel: Jeremy Boissevain

I am very happy to see that the spirit of the festa is very much alive in Malta. In judging from the verbal pyrotechniques here I think it's going to continue for the next fifty years at least. So keep it up. It's wonderful.

## Kummenti mill-Panel: Charles Farrugia

Grazzi ħafna. Nixtieq nirringrazzja lill-kelliema għaliex wara dawn id-diskorsi kien hemm ħafna xogħol u kien hemm kuraġġ ukoll li tiġi quddiem udjenza esperta, għax hawnhekk għandna l-krema tal-ispeċjalizzazzjoni fil-festi. Jiena mill-ewwel għidt li mhux sa nkopru l-aspetti kollha għax tant hemm aspetti u ħadt gost li ħareġ l-element tal-*NGOs*. Dis-sena hija s-sena tal-volontarjat u għandna niċċelebraw għax kultant il-kelma volontarjat hawn Malta marbuta ma' kollox barra l-każini. Qiesu għandek il-każini għax ilhom hemmhekk, kienu hemm u neħduhom *for granted* u nassoċjaw biss il-ħidma għall-karità bħala volontarjat. Dan m'għandux ikun għax naħseb l-eqdem volontarjat kważi anke jekk naraw il-*muoto soccorso* li kien jeżisti fi ħdan il-każini, huwa propju minn ġol-każini.

Nirringrazzja l-kelliema u lill-organizzaturi, għax kien hawn tim ta' organizzaturi li kollha mis-Soċjetà tal-Ġilju bil-kameramen, bil-filmati, bil-*PowerPoints*, bil-qari tal-provi, bl-armar tas-sett u d-disinn u anke reklamar bħal *billboards* u naħseb kienet prova wkoll ta' kemm il-każini kapaċi jiġġeneraw enerġija għaliex biex torganizza seminar bħal dan, sal-inqas dettall jiġifieri kif qed taraw anke kien hawn ilbieraħ grupp sħiħ sal-għaxra ta' bil-lejl sal-inqas dettall. Prosit u grazzi lilkom ukoll li għoġobkom tiġu u t'għejnuna wkoll nifhmu għax fir-realtà ħafna minn dak li smajna fih x'tixtarr u fih naħseb anke għalina li ppreżentajna ħafna ħsieb warajh.

Biex nagħlqu, il-president tal-każin, is-Sur Teddy Farrugia ħa jippreżenta issa dawn il-*mementos* li semmejna l-ewwel lill-ispeakers u kif għidna huma maħdumin mis-Sur Antoine Farrugia u ħa jkunu rikordju ta' dan il-każin li għadu bħalissa kantina biss però huwa propju biċċa ġebla minn dik il-kantina illi għandha tibqa' memorja ta' das-seminar u taċ-Ċentinarju wkoll.

Grazzi ħafna.